Nru./No. 21,396
Prezz/Price
€8.10

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 25 ta' Frar, 2025
Tuesday, 25th February, 2025

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 2445 - 2537
Government Notices ..... *2445 - 2537*

Avviżi tal-Pulizija ..... 2538 - 2543
Police Notices ..... *2538 - 2543*

Avviżi lill-Baħħara 2543
Notices to Mariners *2543*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 2544 - 2553
Employment Opportunities ..... *2544 - 2553*

Avviżi tal-Gvern ..... 2553 - 2564
Notices ..... *2553 - 2564*

Offerti ..... 2564 - 2568
Tenders ..... *2564 - 2568*

Avviżi tal-Qorti ..... 2568 - 2620
Court Notices ..... *2568 - 2620*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 318

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,393 tat-18 ta' Frar, 2025 (Avviżi Legali 36 sa 43) u l-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,395 tal-21 ta' Frar, 2025 (Avviżi Legali 44 sa 47) rispettivament.

A.L. 36 tal-2025: Att dwar is-Servizzi Veterinarji (Kap. 437); Regoli tal-2025 dwar it-Tqegħid fis-Suq u l-Użu tal-Għalf tal-Annimali.

A.L. 37 tal-2025: Att dwar is-Servizzi Veterinarji (Kap. 437); Regoli tal-2025 dwar il-Metodi ta' Teħid ta' Kampjuni u Analiżi għall-Kontroll Uffiċjali tal-Għalf.

A.L. 38 tal-2025: Att dwar is-Servizzi Veterinarji (Kap. 437); Regoli tal-2025 dwar il-Prevenzjoni, Kontroll u Eradikazzjoni ta' ċerti Enċefalopatiji Spongiformi li Jittieħdu.

A.L. 39 tal-2025: Regolamenti tal-2024 dwar il-Promozzjoni tal-Bilanċ bejn il-Ġeneri fost Diretturi ta' Kumpanniji Elenkati (L.S. 456.04) (A.L. 376 tal-2024); Avviż ta' Bidu fis-Seħħ.

A.L. 40 tal-2025: Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Akkwist Pubbliku ta' Entitajiet li joperaw fis-Setturi tas-Servizzi tal-Ilma, l-Enerġija, it-Trasport u Postali (A.L. 362 tal-2024); Avviż ta' Bidu fis-Seħħ.

A.L. 41 tal-2025: Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Kuntratti ta' Konċessjoni (A.L. 360 tal-2024); Avviż ta' Bidu fis-Seħħ.

A.L. 42 tal-2025: Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku (A.L. 361 tal-2024); Avviż ta' Bidu fis-Seħħ.

A.L. 43 tal-2025: Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali (Kap. 439); Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Pussess u ż-Żamma ta' Annimali Perikoluži.

A.L. 44 tal-2025: *Banking Act (Cap. 371); Supervisory Consolidation (Credit Institutions) (Amendment) Regulations, 2025.*

GOVERNMENT NOTICES

No. 318

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette No. 21,393 of 18th February, 2025 (Legal Notices 36 to 43) and Government Gazette No. 21,395 of 21st February, 2025 (Legal Notices 44 to 47) respectively.

L.N. 36 of 2025: Veterinary Services Act (Cap. 437); Placing on the Market and Use of Animal Feed Rules, 2025.

L.N. 37 of 2025: Veterinary Services Act (Cap. 437); Methods of Sampling and Analysis for the Official Control of Feed Rules, 2025.

L.N. 38 of 2025: Veterinary Services Act (Cap. 437); Prevention, Control and Eradication of certain Transmissible Spongiform Encephalopathies Rules, 2025.

L.N. 39 of 2025: Promotion of Gender Balance among Directors of Listed Companies Regulations, 2024 (S.L. 456.04) (L.N. 376 of 2024); Commencement Notice.

L.N. 40 of 2025: Public Procurement of Entities operating in the Water, Energy, Transport and Postal Services Sectors (Amendment) Regulations, 2024 (L.N. 362 of 2024); Commencement Notice.

L.N. 41 of 2025: Concession Contracts (Amendment) Regulations, 2024 (L.N. 360 of 2024); Commencement Notice.

L.N. 42 of 2025: Public Procurement (Amendment) Regulations, 2024 (L.N. 361 of 2024); Commencement Notice.

L.N. 43 of 2025: Animal Welfare Act (Cap. 439); Owning and Keeping of Dangerous Animals (Amendment) Regulations, 2025.

L.N. 44 of 2025: Banking Act (Cap. 371); Supervisory Consolidation (Credit Institutions) (Amendment) Regulations, 2025.

A.L. 45 tal-2025: *Investment Services Act (Cap. 370); Investment Services Act (Supervisory Consolidation) (Capital Requirements Directive) (Amendment) Regulations, 2025.*

A.L. 46 tal-2025: *Banking Act (Cap. 371); Administrative Penalties, Measures and Investigatory Powers (Amendment) Regulations, 2025.*

A.L. 47 tal-2025: Att dwar il-Ġestjoni tal-Finanzi Pubbliċi (Kap. 601); Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku.

Il-25 ta' Frar, 2025

Nru. 319

REGOLATUR GĦAS-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA U L-ILMA

Għotja fuq Xiri ta' Sistemi tal-Enerġija Rinnovabbli fis-Settur Domestiku – Sejħa 2025/RES

BIEX ikompli jinkoraġġixxi t-titjib fl-użu tal-enerġija li jipproduċi l-pajjiż, ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma qiegħed jamministra l-iskema ffinanzjata minn fondi nazzjonali li hi mmirata biex tinkoraġġixxi l-użu ta' sistemi fotovoltajiċi għal użu residenzjali li jnaqqsu l-użu ta' enerġija, jew li jużaw għejun ta' enerġija li tiġġedded.

1. Għotja li titħallas taħt din l-iskema

L-applikanti jistgħu japplikaw għal għotja għal sistema permezz tal-formola li tista' timtela' minn fuq is-sit elettroniku tar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (www.rews.org.mt) jew permezz tal-formola li tista' titniżżel mill-istess sit elettroniku. L-iskema hija amministrata u suġġetta għal-linji gwida li jitniżżlu wkoll minn dan is-sit elettroniku.

L-applikanti li jkunu rċevew għotja għal sistema simili mill-2010 'il hawn mhumiex eliġibbli għal għotja oħra mogħtija taħt din l-iskema.

2. Tul tal-iskema

Applikazzjonijiet għal din l-iskema jintlaqgħu b'mod validu mill- 25 ta' Frar, 2025 sal-aħħar tas-sena. Din l-iskema tista' tiġi mibdula jew mitmuma qabel dik id-data permezz ta' avviż fil-Gazzetta. Din l-iskema tista' tiġi mġedda kif ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma jista' jidirlu li hu xieraq ukoll permezz ta' avviż fil-Gazzetta.

L.N. 45 of 2025: Investment Services Act (Cap. 370); Investment Services Act (Supervisory Consolidation) (Capital Requirements Directive) (Amendment) Regulations, 2025.

L.N. 46 of 2025: Banking Act (Cap. 371); Administrative Penalties, Measures and Investigatory Powers (Amendment) Regulations, 2025.

L.N. 47 of 2025: Public Finance Management Act (Cap. 601); Public Procurement (Amendment) Regulations, 2025.

25th February, 2025

No. 319

REGULATOR FOR ENERGY AND WATER SERVICES

A Grant on the Purchase of Renewable Energy Systems in the Domestic Sector – Call 2025/RES

IN order to further encourage the better use of the energy being generated by the country, the Regulator for Energy and Water Services is administering the following nationally funded scheme which aims to encourage the use of photovoltaic systems for residential use that reduce the use of energy, or use renewable sources of energy.

1. Grant payable under this scheme

Applicants may apply for a grant under this scheme for a system by means of an online form from the Regulator for Energy and Water Services website (www.rews.org.mt) or by means of the form downloadable from the same website. The scheme is administered and governed in terms of the guidelines also downloadable from the website.

Applicants who have received a grant for a similar system since 2010 shall not be eligible for another grant issued in terms of this scheme.

2. Duration of the scheme

Applications for this call may be validly received as from the 25th February 2025 until the end of the year. The scheme may be modified or terminated before that date by means of a notice in the Gazette. This scheme may be renewed as may be deemed necessary by the Regulator for Energy and Water Services also by means of a notice in the Gazette.

3. Infieq eliġibbli

Ir-Regolatur jirriżerva d-dritt li jirrifjuta l-għotja u, jew li jieħu azzjoni legali biex jirkupra l-ammont mogħti bl-interessi u bl-ispejjeż oħra li setgħu saru, fil-każ ta' applikant li jkun eżerċita d-dritt li jikseb jew li kiseb xi skont ta' taxxa, tnaqqis inkluż tnaqqis ta' kreditu ta' input tax mill-output tax skont l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406), jew xi rifużjoni ta' taxxa jkun kif ikun mfisser, għar-rigward tal-infieq eliġibbli li jsir għax-xiri tal-installazzjoni fotovoltajika.

4. Għajnuna mill-Istat

Din l-Iskema qed tigi implimentata b'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 2023/2831 tat-13 ta' Diċembru, 2023 dwar l-applikazzjoni tal-Artikli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-Għajnuna de minimis.

5. Emendi għall-iskema

Ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma għandu jkollu f'kull waqt id-dritt li jagħmel kull emenda għal din l-iskema permezz ta' avviż ippubblikat fil-Gazzetta li jkun jinkludi dawk l-emendi.

SKEDA

Lista ta' perċentwali ta' għajnuna:

Għażla A - Sistema fotovoltajika bi standard solar inverter: 50% tal-infiq eliġibbli sa massimu ta' 2,500 Euro kull sistema u Euro 625 kull kWp.

Għażla B - Sistema fotovoltajika b' inverter hybrid: 50% tal-infiq eliġibbli sa massimu ta' 3,000 Euro kull sistema u Euro 750 kull kWp.

Għażla Ċ - Hybrid/Battery inverter u sistema ta' batterija għall-ħażna tal-enerġija rinnovabbli: 80% tal-infiq eliġibbli tas-sistema tal-batterija sa massimu ta' 7,200 Euro kull sistema u Euro 720 kull kWh u 80% tal-infiq eliġibbli tal-Hybrid inverter sa massimu ta' 1,800 Euro kull sistema u Euro 450 kull kWp.

Għażla D -. Sistema ta' Batterija għall-ħażna tal-enerġija rinnovabbli: 80% tal-infiq eliġibbli tas-sistema tal-batterija sa massimu ta' 7,200 Euro kull sistema u Euro 720 kull kWh.

Sidien ta' sistemi installati fuq postijiet residenzjali (anke dawk li ma bbenefikaw minn ebda għajnuna fuq xi Sistema

3. Eligible expenditure

The Regulator reserves the right to refuse the grant and, or take legal action to recover the amount granted with interests and any other costs incurred, in case of any applicant having exercised the right to obtain or who has obtained any tax rebate, deduction including deductions of input tax credit from the output tax in terms of the Value Added Tax Act (Cap. 406), or other tax refund however so described, with regard to the eligible expenditure made in relation to the purchase of the photovoltaic installation.

4. State aid

This scheme will be implemented in accordance with the provisions of Commission Regulation (EU) No. 2023/2831 of 13 December 2023 on the application of Articles 107 and 108 of the Treaty on the Functioning of the European Union to de minimis aid.

5. Amendments to the scheme

The Regulator for Energy and Water Services shall at all times have the right to make any amendments to this scheme by means of a notice published in the Gazette containing such amendments.

SCHEDULE

List of grant percentage:

Option A - PV system with standard solar inverter: 50% of eligible costs up to a maximum of Euro 2,500 per system and Euro 625/kWp.

Option B - PV system with hybrid inverter: 50% of eligible costs up to a maximum of Euro 3,000 per system and Euro 750/kWp.

Option C - Hybrid/Battery inverter and battery: 80% of eligible costs of the Battery Storage up to a maximum of Euro 7,200 per system and Euro 720/kWh plus 80% of eligible costs of the Hybrid/battery inverter up to a maximum of Euro 1,800 per system and Euro 450/kWp.

Option D - Battery Storage only: 80% of eligible costs of the Battery Storage up to a maximum of Euro 7,200 per system and Euro 720/kWh.

Owners of PV installations installed on residential premises (even those that do not benefit from any aid on the

tal-Panelli jiġifieri la Feed-in Tariff jew Għotja) u ilhom imqabbda mal-grid għallinqas sitt snin jistgħu japplikaw għal preferenza Ċ.

L-applikant, meta japplika għal għażla B, jista' japplika wkoll għal għażla D.

Għal għażiet Ċ u D, f' kas li l-installazjoni tkun ser issir f'Ghawdex, l-ammont ta' għajnuna relatat mal-Batterija ser jizdied għal 95% tal-infiq eliġibbli tas-sistema tal-batterija sa massimu ta' 8,550 Euro kull sistema u Euro 855 kull kWh.

Il-25 ta' Frar, 2025

Nru. 320

REVOKA TA' ART

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

Jiena hawnhekk niddikjara illi skont artikolu 43 tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta dwar Artijiet tal-Gvern, qiegħed nirrevoka d-Dikjarazzjoni maħruġa mill-Awtorità tal-Artijiet ta' terminazzjoni ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tad-9 ta' April, 2021, taħt in-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru 469, limitatament għall-art hawn taħt deskritta.

Il-25 ta' Frar, 2025
(File No. A/2749/1997)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja f'San Pawl il-Baħar:

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 2,802 metri kwadri, li tmiss mill-Punent, min-Nofsinhar u mil-Lvant ma' proprjetà tal-Gvern jew irjieħ verjuri u hija reġistrata fir-rekords tal-Awtorità bħala tenement nru. J63246.

Wara talba mibgħuta mill-Ministeru għall-Ambjent, l-Iżvilupp Sostenibbli u t-Tibdil fil-Klima, ġie ddikjarat illi l-art hawn fuq imsemmija f'San Pawl il-Baħar m'għadhiex aktar meħtieġa u għalhekk qiegħda ssir din ir-revoka li biha qiegħda tiġi mħassra t-terminazzjoni ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern 9 ta' April, 2021, taħt in-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 469 hawn fuq imsemmija.

L-art hawn fuq imsemmija tidher murija delinjata bil-kulur ikħal fuq il-pjanta P.D. nru. 2020_0812, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, il-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta.

(Iff.) Dott. John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

L-20 ta' Frar, 2025

PV system i.e. no feed-in tariff or grant) and connected to the grid for at least 6 years may apply to option C.

The applicant, when applying for Option B, may also apply for Option D.

For options C and D, when the installation is located in Gozo, the battery grant component will increase to 95% of eligible costs of the Battery Storage up to a maximum of Euro 8,550 per system and Euro 855/kWh.

25th February, 2025

No. 320

REVOCATION OF LAND

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

I hereby declare that in accordance with article 43 of Chapter 573 of the Laws of Malta regarding Government Lands, I am revoking the Declaration issued by the Lands Authority of a termination published in the Government Gazette of the 9th April, 2021, under Government Notice No. 469 limitedly for the land mentioned below.

25th February, 2025

Description of the Land

The following land in San Pawl il-Baħar:

A plot of land measuring about 2,802 square metres, bounded on the the West, South and East by Government property or more precise boundaries and is registered on Authority records as tenement no. J63246.

After a request was sent by the Ministry for the Environment, Sustainable Development and Climate Change, it is being declared that the abovementioned land in San Pawl il-Baħar is no longer required and so this revocation is being made by which the termination published in the Government Gazette of the 9th April, 2021, under Government Notice No. 469 mentioned above is being revoked.

The abovementioned land is shown delineated with the colour blue on plan P.D. no. 2020_0812, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

20th February, 2025

Nru. 321

MINISTERU GĦAT-TRASPORT, INFRASTRUTTURA, U XOGĦLIJIET PUBBLIĊI

Skema ta' Għotjiet tal-Gvern, inkluża Skema tal-Iskrappjar, għax-xiri ta' Vetturi Elettriċi Ġodda fil-Kategorija L, M1 u N1 u Pedelecs, għal Persuni, Organizzazzjonijiet Volontarji, Impriżi u Entitajiet oħra

Il-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Xogħlijiet Pubbliċi flimkien mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta (Transport Malta) qed jippubblika skema ta' għotjiet finanzjarji mmirati għal persuni residenti f'Malta, organizzazzjonijiet volontarji, impriżi stabbiliti f'Malta u entitajiet oħra, sabiex tkompli tippromwovi l-użu ta' vetturi elettriċi fil-kategorija L, M1 u N1 u pedelecs ġodda.

L-iskema għandha l-għan li tnaqqas l-ammont ta' vetturi qodma bil-mutur konvenzjonali mit-triq u hi soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan id-dokument. L-għotjiet jappoġġjaw ix-xiri ta' karozzi, vetturi kummerċjali ħfief, kwadriċikli, muturi u pedelecs ġodda.

L-għotjiet jinkludu skema tal-iskrappjar maħsuba biex tipprovdi aktar appoġġ finanzjarju lill-applikanti li, filwaqt li jixtru u jirreġistraw vettura elettrika jew pedelec ġdida, ineħħu mir-reġistrazzjoni vettura ta' kwalunkwe kategorija li jkollha aktar minn 10 snin mis-sena tal-manifattura tagħha.

L-iskema hija meqjusa li daħlet fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2025 hija fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel. Din l-iskema għandha tibqa' fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2025 jew sakemm il-fondi bbaġitjati jiġu eżawriti, sakemm ma jiġux modifikati jew mitmuma minn qabel b'Avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

L-ISKEMA

1. Interpretazzjoni

Għall-fini ta' dawn l-għotjiet, sakemm il-kuntest ma jeħtieġx mod ieħor:

1.1. 'applikant' tfisser il-persuna residenti f'Malta, organizzazzjoni volontarja, impriża stabbilita f'Malta jew entità li tapplika għall-għotja taħt din l-iskema, u li tkun ix-xerrej ta' vettura elettrika ġdida tal-Kategorija L jew M1 jew N1, jew pedelec kif definiti hawn;

1.2. 'applikazzjoni' tfisser l-applikazzjoni magħmula għal għotja taħt din l-iskema;

1.3. 'bejjiegħ' tfisser aġent jew negozjant kif definit taħt din l-iskema;

No. 321

THE MINISTRY FOR TRANSPORT, INFRASTRUCTURE, AND PUBLIC WORKS

Government Grant Scheme, including Scrappage Scheme, for the purchase of new Electric Vehicles in Category L, M1 and N1 and Pedelecs for Persons, Voluntary Organisations, Undertakings and other Entities

The Ministry for Transport, Infrastructure and Public Works in conjunction with the Authority for Transport in Malta (Transport Malta) is publishing a financial grant scheme aimed at persons residing in Malta, voluntary organisations, undertakings established in Malta and other entities, to further promote the use of new electric vehicles in Category L, M1 and N1 and pedelecs.

The scheme aims at reducing the number of older conventional motor vehicles from the road and is subject to the conditions stipulated in this document. The grant shall support the purchase of new passenger cars, light commercial vehicles, quadricycle, motorcycles, and pedelecs.

The grant includes a scrappage scheme intended to provide further financial support to applicants who, while purchasing and registering a new electric vehicle or pedelec, deregister a vehicle of any category which is older than 10 years from its year of manufacture.

The grant is deemed to have come into effect as of the 1st of January 2025 and is on a first come first served basis. This grant shall remain available until the 31st of December 2025 or until the budgeted funds are exhausted, unless modified or terminated beforehand by a Notice in the Government Gazette.

THE SCHEME

1. Interpretation

For the purpose of this grant, unless the context otherwise requires:

1.1. 'applicant' means the person residing in Malta, voluntary organisation, undertaking established in Malta or entity applying for the grant under this scheme, and is the purchaser of a new Category L or M1 or N1 electric vehicle, or a pedelec as defined hereunder;

1.2. 'application' means the application made for a grant under this scheme;

1.3. 'seller' means an agent or dealer as defined under this scheme;

1.4. 'ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-vettura' tfisser iċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-vettura maħruġ minn Transport Malta li jipprovdi prova tar-reġistrazzjoni tal-vettura bil-mutur skont l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur (KAP. 368 tal-Liġijiet ta' Malta);

1.5. 'entità' tfisser entità stabbilita f'Malta li mhix la impriża u lanqas organizzazzjoni volontarja u li mhix ikkontrollata direttament jew indirettament mill-Gvern ta' Malta jew iffinanzjata permezz ta' fondi pubbliċi, bħal skejjel privati jew tal-knisja;

1.6. 'faċilità ta' trattament awtorizzata' tfisser faċilità awtorizzata biex teqred vetturi u toħroġ ċertifikati ta' distruzzjoni, f'konformità mar-Regolamenti dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart (End of Life) - L.S. 549.36;

1.7. 'għotja' tfisser l-għotja li qed tingħata taħt din l-iskema lil applikant li jissodisfa r-rekwiżiti tat-taqsima 4;

1.8. 'impriża f'diffikultà' tfisser intrapriża li sseħħ fir-rigward tagħha mill-inqas waħda min dawn iċ-ċirkostanzi:

a) Fil-każ ta' kumpanija b'responsabbiltà limitata (minbarra SME li tkun ilha teżisti għal anqas minn tliet snin), meta aktar minn nofs il-kapital azzjonarju sottoskritt tagħha jkun sparixxa bħala riżultat ta' telf akkumulat. Dan huwa l-każ meta t-tnaqqis tat-telf akkumulat minn riżervi (u l-elementi l-oħrajn kollha ġeneralment ikkunsidrati bħala parti mill-fondi proprji tal-kumpanija) iwassal għal ammont kumulattiv li jaqbeż nofs il-kapital azzjonarju sottoskritt. Għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni, "kumpanija b'responsabbiltà limitata" tirreferi b'mod partikolari għat-tipi ta' kumpaniji msemmija fl-Anness I tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u "kapital azzjonarju" tinkludi, fejn rilevanti, kull primjum azzjonarju;

b) Fil-każ ta' kumpanija fejn mill-inqas xi membri tagħha għandhom responsabbiltà illimitata għad-dejn tal-kumpanija (minbarra SME li tkun ilha teżisti għall-inqas minn tliet snin), fejn aktar minn nofs il-kapital tagħha kif muri fil-kontijiet tal-kumpanija jkun sparixxa bħala riżultat ta' telf akkumulat. Għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni, "kumpanija fejn mill-anqas xi membri tagħha għandhom responsabbiltà illimitata għad-dejn tal-kumpanija" tirreferi, b'mod partikolari għat-tipi ta' kumpaniji msemmija fl-Anness II tad-Direttiva 2013/34/UE;

c) Meta l-intrapriża tkun soġġetta għal proċedimenti ta' insolvenza kollettivi jew tissodisfa l-kriterji skont il-liġi domestika tagħha biex titqiegħed fi proċedimenti ta' insolvenza kollettivi fuq talba tal-krediturі tagħha;

d) Meta l-intrapriża tkun irċeviet għajnuna għas-salvataġġ u tkun għadha ma rrimborżatx is-self jew ma temmitx il-

1.4. 'vehicle registration certificate' means the vehicle registration certificate issued by Transport Malta providing proof of registration of the motor vehicle in accordance with the Motor Vehicles Registration and Licensing Act (CAP 368 of the Laws of Malta);

1.5. 'entity' means an entity established in Malta which is neither a business undertaking nor a voluntary organisation and which is not controlled directly or indirectly by the Government of Malta or funded through public funds, such as private and church schools;

1.6. 'authorised treatment facility' means a facility authorised to destroy vehicles and issue certificates of destruction, in compliance with the Waste Management (End of Life Regulations) - S.L. 549.36;

1.7. 'grant' means the grant being given under this scheme to an applicant that satisfies the requirements of section 4;

1.8. 'undertaking in difficulty' means an undertaking in respect of which at least one of the following circumstances occurs:

a) In the case of a limited liability company (other than an SME that has been in existence for less than three years), where more than half of its subscribed share capital has disappeared as a result of accumulated losses. This is the case when deduction of accumulated losses from reserves (and all other elements generally considered as part of the own funds of the company) leads to a negative cumulative amount that exceeds half of the subscribed share capital. For the purposes of this provision, "limited liability company" refers in particular to the types of company mentioned in Annex I of Directive 2013/34/EU of the European Parliament and the Council and "share capital" includes, where relevant, any share premium;

b) In the case of a company where at least some of its members have unlimited liability for the debt of the company (other than an SME that has been in existence for less than three years), where more than half of its capital as shown in the company accounts has disappeared as a result of accumulated losses. For the purposes of this provision, "a company where at least some of its members have unlimited liability for the debt of the company" refers in particular to the types of company mentioned in Annex II to Directive 2013/34/EU;

c) Where the undertaking is subject to collective insolvency proceedings or fulfils the criteria under its domestic law for being placed in collective insolvency proceedings at the request of its creditors;

d) Where the undertaking has received rescue aid and has not yet reimbursed the loan or terminated the guarantee,

garanzija, jew tkun irċeviet għajnuna għar-ristrutturar u tkun għadha soġġetta għal pjan ta' ristrutturar; jew

e) Fil-każ ta' intrapriża li mhijiex SME, meta, għall-aħħar sentejn:

1. id-dejn kontabilistiku għall-proporzjon ta' ekwità tal-intrapriża jkun akbar minn 7.5; u

2. il-proporzjon ta' imgħax kopert tal-EBITDA tal-intrapriża jkun taħt 1.0;

1.9. 'impriżi fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura' tfisser impriżi attivi fil-produzzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura;

1.10. 'impriża kbira' tfisser impriża li mhijiex intrapriża medja jew żgħira;

1.11. 'impriża medja' tfisser impriża li tħaddem inqas minn 250 persuna u li għandha fatturat annwali li ma jaqbiżx il-50 miljun ewro, u/jew it-total annwali tal-karta tal-bilanċ li ma jaqbiżx it-43 miljun ewro, u li mhijiex impriża żgħira;

1.12. 'impriża stabbilita f'Malta' tfisser entità kummerċjali stabbilita f'Malta, inkluż persuna li taħdem għal rasha skont il-Liġi Nazzjonali, fondazzjoni jew soċjetà kooperattiva, li ma tkunx kontrollata direttament jew indirettament mill-Gvern ta' Malta jew iffinanzjata permezz ta' fondi pubbliċi;

1.13. 'impriża waħda' tinkludi, għall-finijiet ta' din l-iskema, l-intrapriżi kollha li għandhom mill-inqas waħda mir-relazzjonijiet li ġejjin bejniethom:

a) impriża waħda għandha l-maġġoranza tad-drittijiet tal-vot tal-azzjonisti jew tal-membri f'impriża oħra;

b) impriża waħda għandha d-dritt li taħtar jew tneħħi maġġoranza tal-membri tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju ta' impriża oħra;

c) impriża waħda għandha d-dritt li teżerċita influwenza dominanti fuq impriża oħra skont kuntratt li jkun sar ma' dik l-impriża jew skond dispożizzjoni fil-memorandum jew l-artikoli ta' assoċjazzjoni tagħha; jew

d) impriża waħda, li hija azzjonista jew membru ta' impriża oħra, tikkontrolla waħedha, skont ftehim ma' azzjonisti oħra jew membri ta' dik l-impriża, maġġoranza tad-drittijiet tal-vot tal-azzjonisti jew tal-membri f'dik l-impriża.

Impriżi li jkollhom waħda mir-relazzjonijiet imsemmija fil-punti (a) sa (d) permezz ta' impriża waħda jew aktar għandhom jitqiesu wkoll bħala impriża waħda;

or has received restructuring aid and is still subject to a restructuring plan; or

e) In the case of an undertaking that is not an SME, where, for the past two years:

1. the undertaking's book debt to equity ratio has been greater than 7.5; and

2. the undertaking's EBITDA interest coverage ratio has been below 1.0.

1.9. 'undertakings in the fishery and aquaculture sector' means undertakings active in the production, processing and marketing of fishery and aquaculture products;

1.10. 'large enterprise' means an enterprise which is not a medium or small enterprise;

1.11. 'medium enterprise' means an enterprise which employs fewer than 250 persons and which has an annual turnover not exceeding 50 million Euro, and/or an annual balance sheet total not exceeding 43 million Euro, and which is not a small enterprise;

1.12. 'undertaking established in Malta' means a commercial entity established in Malta, including a self-employed person in accordance with National Law, a foundation or a cooperative society, which is not controlled directly or indirectly by the Government of Malta or funded through public funds;

1.13. 'Single undertaking' includes, for the purposes of this scheme, all enterprises having at least one of the following relationships with each other:

a) one enterprise has a majority of the shareholders' or members' voting rights in another enterprise;

b) one enterprise has the right to appoint or remove a majority of the members of the administrative, management or supervisory body of another enterprise;

c) one enterprise has the right to exercise a dominant influence over another enterprise pursuant to a contract entered with that enterprise or pursuant to a provision in its memorandum or articles of association; or

d) one enterprise, which is a shareholder in or member of another enterprise, controls alone, pursuant to an agreement with other shareholders in or members of that enterprise, a majority of shareholders' or members' voting rights in that enterprise.

Enterprises having any of the relationships referred to in points (a) to (d) through one or more other enterprises shall also be considered to be a single undertaking;

1.14. 'impriża żgħira' tfisser impriża li tħaddem inqas minn 50 persuna u li l-fatturat annwali tagħha u/jew it-total annwali tal-karta tal-bilanċ tagħha ma jaqbiżx l-10 miljun ewro;

1.15. 'l-ewwel reġistrazzjoni' għandha tinkludi r-reġistrazzjoni ta' vettura għall-ewwel darba f'isem persuna residenti f'Malta jew impriża stabbilita f'Malta fejn il-vettura kkonċernata kienet irreġistrata għall-ewwel darba f'Malta;

1.16. 'Malta' tfisser il-gżejjer Maltin;

1.17. 'negozjant' jew 'aġent' tfisser persuna jew entità awtorizzata biex timporta, tbigħ jew tixtri vetturi bil-mutur;

1.18. 'organizzazzjoni volontarja' għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji (Kap. 492 tal-Liġijiet ta' Malta);

1.19. 'pedelec' tfisser ċikletta li taħdem bil-pedali u bl-elettriku u li l-mutur tagħha jiġi attivat immedjatament kif is-sewwieq jibda jdawwar il-pedala u jitwaqqaf hekk kif is-sewwieq ma jibqax idawwar il-pedala, u li tista' tilħaq veloċità massima ta' 25km/h;

1.20. 'pedelec tal-merkanzija' tfisser pedelec li jista' jġorr mill-inqas 100kg ta' merkanzija minbarra s-sewwieq;

1.21. 'persuna residenti f'Malta' tfisser persuna li jew ikollha dokument ta' identifikazzjoni legalment validu maħruġ skont l-Att dwar il-Karta tal-Identità u Dokumenti tal-Identità oħra (KAP. 258 tal-Liġijiet ta' Malta) jew li għandha permess ta' residenza jew ittra maħruġa mill-uffiċċju tal-espatrijati fil-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol;

1.22. 'prodotti agrikoli' tfisser prodotti elenkati fl-Anness I tat-Trattat, bl-eċċezzjoni tal-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura li jaqgħu fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 354, 28,12,2013, p. 1);

1.23. 'prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura' tfisser il-prodotti definiti fl-Artikolu 5, punti (a) u (b) tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

1.24. 'sid reġistrat' tfisser il-persuna, l-organizzazzjoni volontarja jew l-impriża li f'isimha tkun irreġistrata vettura mill-Awtorità;

1.25. 'SME' tfisser impriża żgħira jew ta' daqs medju;

1.26. 'Standard tal-Unjoni' tfisser:

a) standard tal-Unjoni obbligatorju li jistabbilixxi l-livelli li għandhom jintlaħqu minn impriżi individwali f'termini ambjentali, esklużi standards jew miri stabbiliti fil-livell tal-

1.14. 'small enterprise' means an enterprise which employs fewer than 50 persons and whose annual turnover and/or annual balance sheet total does not exceed 10 million Euro;

1.15. 'first registration' shall include the registration of a vehicle for the first time in the name of a person residing in Malta or an undertaking established in Malta where the vehicle concerned was registered for the first time in Malta;

1.16. 'Malta' means the Maltese islands;

1.17. 'dealer' or 'agent' means a person or entity authorised to import, sell, or buy motor vehicles;

1.18. 'voluntary organisation' has the same meaning given to it in the Voluntary Organisations Act (Cap. 492 of the Laws of Malta);

1.19. 'pedelec' means a pedal electric bicycle whose electric motor is activated as soon as the rider starts pedalling and is deactivated as soon as the rider stops pedalling, and which can reach a maximum speed of 25km/h;

1.20. 'cargo pedelec' means a pedelec which can carry at least 100kg of cargo excluding the driver;

1.21. 'person residing in Malta' means a person who either holds a legally valid identification document issued in terms of the Identity Card and other Identity Documents Act (CAP 258 of the Laws of Malta) or who has a residence permit or a letter issued from the expatriate office at the Ministry for Home Affairs, Security, and Employment;

1.22. 'agricultural products' means products listed in Annex I to the Treaty, with the exception of fishery and aquaculture products covered by Regulation (EU) No 1379/2013 of the European Parliament and of the Council (OJ L 354, 28.12.2013, p. 1);

1.23. 'fishery and aquaculture products' means the products defined in Article 5, points (a) and (b) of Regulation (EU) No 1379/2013 of the European Parliament and of the Council;

1.24. 'registered owner' means the person, voluntary organisation or undertaking in whose name a vehicle is registered by the Authority;

1.25. 'SME' means a small or medium-sized enterprise;

1.26. 'Union standard' means:

a) a mandatory Union standard setting the levels to be attained in environmental terms by individual undertakings excluding standards or targets set at Union level which

Unjoni li jorbtu għall-Istati Membri iżda mhux għal impriżi individwali; jew

b) l-obbligu li jintużaw l-aħjar tekniki disponibbli (BAT), kif definiti fid-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jiġi żgurat li l-livelli tal-emissjonijiet ma jaqbżux dawk li jinkisbu meta tiġi applikata l-BAT; fejn il-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-BAT ikunu ġew definiti f'atti ta' implimentazzjoni adottati skont id-Direttiva 2010/75/UE jew taħt direttivi applikabbli oħra, dawk il-livelli jkunu applikabbli għall-finijiet ta' dan ir-Regolament; fejn dawk il-livelli huma espressi bħala firxa, il-limitu li għalih il-BAT intlaħaq l-ewwel għall-impriża kkonċernata jkun applikabbli;

1.27. 'tneħħija mir-reġistrazzjoni' tfisser, għall-fini ta' din l-iskema, it-tneħħija permanenti ta' vettura bil-mutur mir-reġistrazzjoni tagħha mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta u wara, dik il-vettura ma għandha qatt terġa' tiġi rreġistrata biex tintuża fit-triq f'Malta;

1.28. 'Transport Malta' tfisser l-Awtorità għat-Trasport f'Malta mwaqqfa taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta (Kap. 499 tal-Liġijiet ta' Malta);

1.29. 'vettura b'emissjonijiet żero' għandu jkollha l-istess tifsira li hija assenjata lilha fl-Artikolu 2 (102g) tar-Regolament Ġenerali ta' Eżenżjoni ta' Kategorija msemmi fit-Taqsima 2.6.3 hawnhekk;

1.30. 'vettura elettrika' tfisser vettura b'emissjonijiet żero li hija mħaddma esklussivament b'mutur jew muturi elettriċi li jużaw enerġija elettrika maħżuna f'batteriji li huma ċċarġjati minn sors tal-elettriku estern;

1.31. 'vettura elettrika ġdida jew pedelec ġdida' tfisser vettura elettrika jew pedelec li qatt ma ġiet irreġistrata qabel fi kwalunkwe pajjiż;

1.32. 'vettura li tneħħiet mir-reġistrazzjoni' tfisser vettura li tneħħitilha r-reġistrazzjoni;

1.33. 'vettura tal-Kategorija L' tfisser vettura b'żewġ jew tliet roti jew kwadriċikli li jaqgħu fl-ambitu tar-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi b'żewġ jew tliet roti u kwadriċikli, kif emendati;

1.34. 'vettura tal-Kategorija M1' tfisser vettura bil-mutur użata għall-ġarr ta' persuni u li tista' ġġorr mhux aktar minn tmien passiġġieri minbarra s-sewwieq;

1.35. 'vettura tal-Kategorija N1' tfisser vettura bil-mutur użata għall-ġarr tal-merkanzija u li għandha massa massima li ma taqbiżx it-tliet tunnellati u nofs (3.5);

are binding for Member States but not for individual undertakings; or

b) the obligation to use the best available techniques (BAT), as defined in Directive 2010/75/EU of the European Parliament and of the Council, and to ensure that emission levels do not exceed those that would be achieved when applying BAT; where emission levels associated with the BAT have been defined in implementing acts adopted under Directive 2010/75/EU or under other applicable directives, those levels will be applicable for the purposes of this Regulation; where those levels are expressed as a range, the limit for which the BAT is first achieved for the undertaking concerned will be applicable.

1.27. 'de-registration' means, for the purpose of this scheme, the permanent removal of a motor vehicle from its registration with Transport Malta and thereafter, that motor vehicle shall never be registered again to be used on the road in Malta;

1.28. 'Transport Malta' means the Authority for Transport in Malta set up under the provisions of the Authority for Transport in Malta Act (Cap. 499 of the Laws of Malta);

1.29. 'zero-emissions vehicle' shall have the same meaning that is assigned to it in Article 2 (102g) of the General Block Exemption Regulation referred to in Section 2.6.3 herein;

1.30. 'electric vehicle' means a zero-emission vehicle which is powered exclusively by one or more electric motor using electrical energy stored in batteries which are charged from an external electricity source;

1.31. 'New electric vehicle or pedelec' means an electric vehicle or pedelec which has never been registered before in any country;

1.32. 'de-registered vehicle' means a vehicle which has been de-registered;

1.33. 'Category L vehicle' means a two- or three-wheel vehicle or quadricycles falling within the scope of Regulation (EU) No. 168/2013 of the European Parliament and Council of 15 January 2013 on the approval and market surveillance of two- or three-wheel vehicles and quadricycles, as amended;

1.34. 'Category M1 vehicle' means a motor vehicle used for the carriage of persons and which may carry no more than eight passengers in addition to the driver;

1.35. 'Category N1 vehicle' means a motor vehicle used for the carriage of goods and having a maximum mass not exceeding three and a half (3.5) tonnes;

1.36. 'Unjoni Ewropea' għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 2 tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea (KAP. 460 tal-Liġijiet ta' Malta), u tinkludi n-Norveġja, l-Islanda u Liechtenstein;

1.37. 'xerrej' tfisser persuna residenti f'Malta, organizzazzjoni volontarja, jew impriża stabbilita f'Malta li jixtri l-vettura minn pajjiż ieħor jew mingħand l-aġent jew negozjant lokali, li jkollu dik il-vettura rreġistrata f'ismu u li jkun l-applikant għall-għotja taħt din l-iskema;

2. Qasam tal-Applikabbiltà

2.1. L-iskema għal għotja finanzjarja għax-xiri ta' vetturi elettriċi jew pedelecs ġodda kif definit hawn fuq, tapplika għal kull persuna residenti f'Malta, organizzazzjoni volontarja, impriża stabbilita f'Malta jew entità.

2.2. L-iskema tippermetti taħlita ta' xiri ta' vetturi elettriċi u pedelecs ġodda, u tibdil ta' vetturi antiki.

2.3. L-ammont totali tal-għotja maħruġ lill-applikanti għal kwalunkwe waħda minn dawn l-għotjiet m'għandux jaqbeż il-prezz tax-xiri tal-vettura elettrika jew tal-pedelec il-ġdida.

2.4. Għotja għal Xiri ta' Vetturi elettriċi Ġodda tal-Kategorija L jew M1 jew N1.

2.4.1. Applikazzjoni għal għotja minn persuni residenti Malta u organizzazzjonijiet volontarji li ma jwettqux attività ekonomika fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE.

L-ammonti tal-għotja applikabbli f'dawn il-każijiet għandhom ivarjaw skont il-kategorija tal-vettura li tkun qed tiġi rreġistrata, kif muri fit-Tabella 1 tal-Anness (paġna 2468).

2.4.2. Applikazzjoni għal għotja minn impriżi u organizzazzjonijiet volontarji li jwettqu attività ekonomika fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE.

a) L-ammonti tal-għotja applikabbli f'dawn il-każijiet ivarjaw skont il-kategorija tal-vettura li tkun qed tiġi rreġistrata, ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat applikabbli u d-daqs u s-settur tal-impriża jew organizzazzjoni li qed tapplika, kif muri fit-Tabelli 1 u 3 tal-Anness (paġni 2468 u 2469).

b) Ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għandhom japplikaw għal għotjiet maħruġa taħt din it-taqsima, skont il-kategorija u l-kwantità ta' vetturi li jiġu rreġistrati. Ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat huma spjegati fid-dettall fit-taqsima 2.6 ta' dan id-dokument.

2.4.3. Applikazzjoni għal għotja minn entitajiet

a) Soġġett għad-deċiżjoni tal-Awtorità dwar l-eliġibilità tal-entità kkonċernata għal għotja, l-ammonti tal-għotja applikabbli

1.36. 'European Union' has the same meaning as is assigned to it by article 2 of the European Union Act (CAP 460 of the Laws of Malta), and includes Norway, Iceland and Liechtenstein;

1.37. 'purchaser' means a person residing in Malta, voluntary organisation, undertaking established in Malta or entity buying the vehicle from another country or from the local agent or dealer, having that vehicle registered in his name and being the applicant for the grant under this scheme.

2. Area of Applicability

2.1. The scheme for a financial grant for the purchase of new electric vehicles and pedelecs as defined above, applies to any person residing in Malta, voluntary organisation, undertaking established in Malta or entity.

2.2. The scheme allows a mix and match of purchase of new electric vehicles and pedelecs, and replacement of old vehicles.

2.3. The total grant amount issued to applicants for any of these grants shall not exceed the purchase price of the new electric vehicle or pedelec.

2.4. Grant for the Purchase of New Category L or M1 or N1 electric Vehicles and pedelecs.

2.4.1. Grant application by persons residing in Malta and voluntary organisations that do not carry out an economic activity within the meaning of Article 107 TFEU.

The grant amounts applicable in these cases shall vary depending on the category of vehicle being registered, as shown in Table 1 of the Annex (page 2470).

2.4.2. Grant application by undertakings and voluntary organisations that carry out an economic activity within the meaning of Article 107 TFEU.

a) The grant amounts applicable in these cases shall vary depending on the category of vehicle being registered, the applicable state aid rules and the size and sector of the applying undertaking or organisation, as shown in Tables 1 and 3 of the Annex (pages 2470 and 2471).

b) State aid rules shall apply for grants issued under this section, depending on the category and quantity of electric vehicles being registered. The State aid rules are explained in detail in section 2.6 of this document.

2.4.3. Grant application by entities

a) Subject to the Authority's decision on the eligibility of the entity concerned for a grant, the grant amounts applicable

f'dawn il-każijiet għandhom ivarjaw skont il-kategorija tal-vettura li tkun qed tiġi rreġistrata u, jekk l-Awtorità tistabbilixxi li l-entità hija soġġetta għar-Regolamenti tal-Għajnuna mill-Istat, ir-regoli applikabbli dwar l-għajnuna mill-istat u d-daqs u s-settur tal-entità li tapplika, kif muri fit-Tabelli 1 u 3 tal-Anness (paġni 2468 u 2469).

2.5. L-Iskema tal-Iskrappjar

a) Fil-każ ta' applikazzjoni għal għotja li tinvolvi t-tneħħija mir-reġistrazzjoni ta' vettura eżistenti, l-applikant għandu jneħħi r-reġistrazzjoni ta' vettura tal-kategorija L, M1 jew N1 li għandha mill-inqas 10 snin mis-sena tal-manifattura u li tkun irreġistrata u ggaraxxjata jew illiċenzjata ma' Transport Malta f'isem l-applikant qabel il-qerda tagħha u qabel ir-reġistrazzjoni tal-vetturi elettrika ġdida suġġetta għall-applikazzjoni għall-għotja, u li tkun ġiet meqruda fl-1 ta' Jannar 2024 jew wara.

Iżda meta applikant jipprovdi lill-Awtorità b'evidenza biżżejjed biex jipprova li l-vettura elettrika ġdida li għaliha tkun qed tintalab għotja kienet ordnata fl-2021, 2022 jew 2023 iżda kienet ikkunsinnata biss matul l-2024 jew l-2025, l-Awtorità tista' taċċetta applikazzjonijiet għal għotja għall-iskrappjar għal vettura li nqerdet matul l-istess sena ta' meta ġiet ordnata l-vettura elettrika ġdida jew aktar tard.

b) L-ammonti ta' għotja applikabbli f'dan il-każ għandhom ivarjaw skont il-kategorija tal-vettura li tkun qed titneħħa mir-reġistrazzjoni, kif indikat fit-Tabella 2 tal-Anness (paġna 2469).

c) Għotjiet għall-iskrappjar maħruġa taħt din it-taqsima lil impriżi stabbiliti f'Malta jew organizzazzjonijiet volontarji li jwettqu attività ekonomika fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE huma soġġetti għar-regoli tal-għajnuna mill-Istat skont ir-Regolament de minimis applikabbli, kif stipulat fit-taqsima 2.6.2 ta' dan id-dokument.

2.6. Regoli dwar l-għajnuna mill-Istat

2.6.1. Din l-iskema qed tiġi offruta taħt żewġ Regolamenti dwar l-Għajnuna mill-Istat differenti, kif spjegat hawn taħt.

2.6.2. Applikanti li ma jistgħux japplikaw taħt ir-Regolamenti de minimis għax mhumiex eliġibbli taħt l-istess Regolamenti, jew minħabba l-limiti applikabbli, jistgħu japplikaw għall-inċentiv taħt ir-Regolament Ġenerali ta' Eżenzjoni ta' Kategorija.

2.6.3. Regolamenti De Minimis

L-assistenza se tingħata f'konformità ma' wieħed mir-Regolamenti de minimis li ġejjin.

a) Għal impriżi li huma attivi fil-produzzjoni primarja ta' prodotti agrikoli: Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru

in these cases shall vary depending on the category of vehicle being registered and, if the Authority establishes that the entity is subject to State Aid Regulations, the applicable State aid rules and the size and sector of the applying entity, as shown in Tables 1 and 3 of the Annex (pages 2470 and 2471).

2.5. Scrappage Scheme

a) In the case of a grant application involving the deregistration of an existing vehicle, the applicant shall deregister a category L or M1 or N1 vehicle which is at least 10 years old from year of manufacture and which is registered, and garaged or licensed with Transport Malta on the applicant's name before its destruction and before the registration of the new electric vehicle subject to the grant application, and which has been destructed on or after the 1st of January 2024.

Provided that where an applicant provides the Authority with sufficient evidence to prove that the new electric vehicle for which a grant is requested was ordered in 2021, 2022 or 2023 but was delivered only during 2024 or 2025, the Authority may accept applications for a scrappage grant for a vehicle which was destructed during the same year as when the new electric vehicle was ordered or later.

b) The grant amounts applicable in this case shall vary depending on the category of vehicle being deregistered, as indicated in Table 2 of the Annex (page 2471).

c) Scrappage grants issued under this section to undertakings established in Malta or voluntary organisations that carry out an economic activity within the meaning of Article 107 TFEU or entities which are subject to State Aid Regulations are subject to State aid rules in line with the applicable de minimis Regulation, as explained in section 2.6.2 of this document.

2.6. State aid rules

2.6.1. This scheme is being offered under two different State aid Regulations, as explained below.

2.6.2. Applicants who cannot apply under the de minimis Regulations because they are not eligible under the said Regulations, or due to the applicable thresholds, may apply for the incentive under the General Block Exemption Regulation.

2.6.3. De Minimis Regulations

Assistance will be provided in line with one of the following de minimis Regulations:

(a) For undertakings that are active in the primary production of agricultural products: Commission Regulation

By means of a decree of the 20th January, 2025, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Aldazona Limited vs Mary Lourdes Zammit, Application number 466/2024JG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Mary Lourdes Zammit in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Aldazona Limited (C 44731) vs Mary Lourdes Zammit (ID 291747M), filed in the Rent Regulation Board, on the 12th November, 2024, the applicant Aldazona Limited requested this Honourable Board why it should not:

1. Carry out the means test of the respondent Mary Lourdes Zammit as established in the Rules of the Continuation Tenancies (Means Testing Criteria);

2. If the present respondent satisfies the criteria of income and capital of the means test, order that the rent of the premises 45, in Triq San Gejtanu in Ħamrun, be revised to an amount which does not exceed 2% per year of the free and unencumbered open market value on the 1st January of the year in which the present application is being filed and to establish new conditions regarding the lease;

3. If the respondent does not satisfy the criteria of income and capital of the means test, permit the same lessee within two years to vacate the premises 45 in Triq San Gejtanu in Ħamrun, whilst fixing the compensation payable to the applicant for the occupation of the same premises;

4. Give such further provisions as he deems fit in terms of Art 4A of Cap 69.

With costs against the respondent from now summoned so that a reference to her oath be made.

Applicant: Ċensa, Triq id-Dejma, Fgura

Intimata: 45, Triq San Gejtanu, Il-Ħamrun
L-Awtorità tad-Djar

Ir-rikors fl-ismijiet Aldazona Limited vs Mary Lourdes Zammit, Rikors numru 466/2024JG, jinsab differit għall-10 ta' Marzu, 2025, fl-11.10 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 21 ta' Frar, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Respondent: 45, Triq San Gejtanu, Ħamrun
Housing Authority

The application in the names Aldazona Limited vs Mary Lourdes Zammit, Application number 466/2024JG, has been postponed for hearing to the 10th March, 2025, at 11.10 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 21st February, 2025.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

477

Permezz ta' digriet mogħti fil-21 ta' Jannar, 2025, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4561/2024, fl-ismijiet Michael Attard Limited vs Tapram Limited et, il-Prim'Awla tal-Qorti ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Tapram Limited, Patrick Xuereb u Mario Xuereb a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 3 ta' Ottubru, 2024

Lil: Tapram Limited (C37098) ta' 117, Triq id-Duluri, Tal-Pietà
Patrick Xuereb (KI 104673M) ta' 117, Triq id-Duluri, Tal-Pietà
Mario Xuereb (KI 286978M) ta' 117, Triq id-Duluri, Tal-Pietà

Permezz tal-preżenti ittra ufficjali, Michael Attard Limited (C32362) ta' Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, qed tinterpellakom sabiex fi żmien jumejn mid-data tan-notifika ta' dan l-att intom tħallsu s-somma ta' €190,104.85 rappreżentanti bilanċ ta' import ta' kambjala skaduta u ffirmata minnkom u liema kambjal skadiet fis-26 ta' Diċembru, 2020 (kopja ta' liema kambjali tinsab hawn annessa u markati Dok. SS1) li iżda baqgħet ma tħallsitx lill-kumpanija mittenti li hija kreditriċi tagħkom fis-somma fuq indikata ta' €190,104.85 u dan oltre l-imgħax mid-data tal-iskadenza tal-imsemmija kambjala sad-data tal-effettiv pagament.

Permezz tal-preżenti l-kumpanija mittenti qiegħda trendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv tagħha hawn indikati u dan ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għall-finjiet u effetti kollha tal-liġi intom qed tiġu infurmati illi a tenur tal-Artikolu 253 (e) tal-Kap. 12 għandkom id-dritt, fi żmien għoxrin (20) jum mid-ata tan-notifika ta' dan l-att tippreżentaw rikors sabiex topponu l-esekuzjoni ta' din il-kambjala.

By means of a decree of the 21st January, 2025, in the records of the judicial letter number 4561/2024, in the names Michael Attard Limited vs Tapram Limited et, the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service on Tapram Limited, Patrick Xuereb and Mario Xuereb in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 3rd October, 2024

To Tapram Limited (C37098) of 117, Triq id-Duluri, Tal-Pietà
Patrick Xuereb (ID 104673M) of 117, Triq id-Duluri, Tal-Pietà
Mario Xuereb (ID 286978M) of 117, Triq id-Duluri, Tal-Pietà

By means of this present, Michael Attard Limited (C32362) of Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, are soliciting you so that within two days from the date of service of this act you pay the sum of €190,104.85 representing balance of value of bill of exchange lapsed and signed by you and which bill of exchange lapsed on the 26th December, 2020 (a copy of which bills of exchange are hereby attached and marked Doc. SS1) which but was not paid to the interpellant company which is your creditor in the sum above indicated of €190,104.85 and this besides interest from the date of maturity of the said bill of exchange till the date of effective payment.

By the present the interpellant company is rendering executable its executive title here indicated and this in terms of Article 253 (e) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

For all intents and purposes of law you are being informed that in terms of Article 253 (e) of Cap. 12 you have the right, within twenty (20) days from the date of service of this act, to file an application to oppose the execution of this bill of exchange.

Fin-nuqqas li taderixxu ma' din l-intima l-kumpanija mittenti se tgħaddi għall-esekuzzjoni tat-titoli eżekuttivi tagħha u dan ai termini tal-Artikolu 2566(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din l-ittra uffiċjali hija rikjesta ai termini tal-Artikolu 256(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax mid-data tal-iskadenza tal-imsemmija kambjala sad-data effettiva tal-pagament.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 21 ta' Frar, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

If you fail to abide with this calling the interpellant company shall pass for the execution of its executive titles and this in terms of Article 2566 (2) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

This judicial letter is required in terms of Article 256 (2) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

With costs and interest from the date of maturity of the said bill of exchange till the effective date of payment.

Registry of the Superior Courts today 21st February, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

478

Permezz ta' digriet mogħti fit-12 ta' Diċembru, 2024, mill-Qorti Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4486/2024, fl-ismijiet Cherise Attard vs Alexander sive Alex Mercieca, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Alexander sive Alex Mercieca a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 30 ta' Settembru, 2024

Lil Alexander sive Alex Mercieca (KI 85363M) ta' 4 Anil, Triq il-Ħawt, Is-Swieqi

Permezz tal-preżenti Cherise Attard (KI 0116687M) ta' 52, Triq San Ġużepp, Tal-Pietà PTA 1145, filwaqt li tirreferik għall-Att ta' Kostituzzjoni ta' Debitu magħmul fl-atti tan-Nutar Dott. Dorian Sciberras tal-4 ta' Awwissu, 2021 (hawn anness u mmarkat bħala Dok. A), qegħda tinterpellak sabiex fi żmien jumejn (2) mid-data tan-notifika ta' din l-ittra uffiċjali tħallas is-somma ta' €35,000.00 oltre l-imgħax bir-rata ta' 8% dekorribbli mid-data tal-Kostituzzjoni ta' debitu sad-data tal-pagament effettiv, liema dejn għadu ma tħallasx u liema dejn huwa ċert, likwidu u dovut.

Kun avżat illi jekk tonqos milli tagħmel dak rikjest minnek fiż-żmien hawn fuq mogħti lilek, se jittieħdu l-proċeduri ġudizzjarji opportuni fil-konfront tiegħek inkluż il-ħruġ tal-mandati opportuni.

Din l-ittra uffijċali qed tibgħat ai termini tal-Artikolu 256 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tant sabiex tagħraf tirregola ruħek u tevita spejjeż ulterjuri

Bl-ispejjeż

By means of a decree of the 12th December, 2024, of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 4486/2024, in the names Cherise Attard vs Alexander sive Alex Mercieca, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Alexander sive Alex Mercieca in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 30th September, 2024

To Alexander sive Alex Mercieca (ID 85363M) of 4, Anil, Triq il-Ħawt, Swieqi

By the present Cherise Attard (ID 0116687M) of 52, Triq San Ġużepp, Tal-Pietà PTA 1145, whilst referring to the Act of Constitution of debt done in the records of Notary Dr Dorian Sciberras dated 4th August, 2021 (here attached and marked as Doc. A), you are being solicited so that within two (2) days from the date of service of this judicial letter you pay the sum of €35,000.00 besides interest at the rate of 8% from the date of the Constitution of debt till the date of effective payment, which debt has not yet been paid and which debt is sure, liquid and due.

Be warned that if you fail to do what is requested by you within the time given to you, the opportune judicial procedures will be taken against you including the issue of the opportune warrants.

This judicial letter is being sent in terms of Article 256 of Cap. 12 of the Laws of Malta.

So much so that you may know how to regulate yourself and avoid further costs

With costs

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 21 ta' Frar, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, today 21st February, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

479

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-13 ta' Frar, 2025, fuq rikors ta' Bank of Valletta plc (C2833) ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 6 ta' Mejju, 2025, f'nofsinhar (12.00 p.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Il-maisonette immarkata bin-numru tnejn (2) bl-isem 'Edel' formanti parti minn blokk ta' bini bl-isem 'GDS Buildings' fi Triq il-Wied, L-Imsida, li tinsab fit-tieni sular (second floor level) li tinsab fuq showroom fil-livell tal-pjan terran flimkien ma' maisonette fil-livell tal-ewwel sular. Il-blokk imsemmi jikkonfina mit-Tramuntana ma' Triq il-Wied, mill-Punent ma' proprjetà tal-eredi ta' George Debattista u mil-Lvant ma' proprjetà tal-eredi ta' Orlando Debono. L-aċċess għall-proprjetà huwa permezz ta' taraġ estern komuni mill-imsemmija triq. Il-proprjetà għandha dritt tal-użu tat-taraġ ta' barra li jwassal għal fuq il-bejt kif ukoll bid-dritt tal-użu perpetwu tan-nofs indiviż tal-bejt, u suġġetta u tgawdi s-servitujiet attivi u passivi li jirriżultaw skont il-pożizzjoni tiegħu. Dan il-fond igawdi minn servitù ta' bitħa interna u bitħa ta' wara permezz ta' twieqi. L-arja kif ukoll il-washroom ta' fuq il-bejt huma proprjetà ta' terzi. Is-sidien tal-arja ta' fuq il-bejt għandhom dritt li jibnu sulari ulterjuri fuq l-arja ta' fuq il-bejt u li jestendu t-taraġ u s-servizzi għal fuq il-bejt il-ġdid. Il-maisonette huwa liberu u frank u stmat li jiswa mija disgħa u tletin elf ewro (€139,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Tanti John (KI 375982M) u Sammut Odette (KI 319189M)

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 44/2021.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ġimgħa, 21 ta' Frar, 2025

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 13th February, 2025, on the application of Bank of Valletta plc (C2833), Tuesday, 6th May, 2025, at noon (12.00 p.m.), has been fixed for the sale by auction, to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

The maisonette marked number two (2) named 'Edel' forming part of a block of building named 'GDS Buildings' in Triq il-Wied, Msida, situated on the second floor level which it is situated on the showroom at the ground floor level together with the maisonette on the first floor level. The said block is bounded from north with Triq il-Wied, West with property of George Debattista successors and east with property of Orlando Debono successors. The maisonette is accessible from an outdoor common stairs from the said street. The property has the right of usage of the outdoor stairs leading to the roof, as well as the right of perpetual use of the undivided half of the roof and is subject to and enjoys active and passive servitudes resulting according to its position. The said property enjoys servitude of internal yard and backyard through windows. The airspace as well as the washroom on the roof are third party property. The owners of the roof airspace have the right to develop further floors above the roof area and to extend the stairs and the services to the new roof. The maisonette is free and unencumbered and is valued at one hundred and thirty nine thousand euro (€139,000).

The said tenement is the property of Tanti John (ID 375982M) and Sammut Odette (ID 319189M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 44/2021.

Registry of the Superior Courts, this Friday, 21st February, 2025

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

480

Permezz ta' digriet mogħti fit-23 ta' Diċembru, 2024, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 5049/2024, fl-ismijiet Dennis Ciantar vs Bjorn Borg, il-Bord li Jirregola l-Kera ordna s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-

By means of a decree given on the 23rd December, 2024, in the records of the judicial letter number 5049/2024, in the names Dennis Ciantar vs Bjorn Borg, the Rent Regulation Board ordered the following publication in terms of Article

konfront tal-intimat Bjorn Borg a tenur tal-artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Bord li Jirregola l-Kera

Illum l-1 ta' Novembru, 2024

Lil Bjorn Borg (KI 408894M) ta' 89, Dar ir-Redentur, Triq Tumas Fenech, Birkirkara

Permezz tal-preżenti Dennis Ciantar (KI 597583M) ta' 119, Fiongord Court, Flat 3, Triq Qrajten, Gwardamanġa, Tal-Pietà, filwaqt li jagħmel referenza għall-kirja kummerċjali tal-ħanut bl-isem Buzz Barberz bl-indirizz Triq G. Mamo, L-Imsida, mikri lilek mill-mittenti jinterpellak għall-finijet u l-effetti kollha tal-Artikolu 9(a)(i) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tersaq għall-ħlas tal-arretrati ta' kera tax-xhur Settembru, Ottubru u Novembru tas-sena 2024 għall-imsemmija kirja kummerċjali u dan fiż-żmien mhux iktar tard minn 15-il gurnata kif kontemplat mill-istess Artikolu.

Fin-nuqqas jittieħdu kontrik il-passi kollha meħtieġa skont il-liġi, inkluż il-ħruġ ta' mandati kawtelatorji fil-konfront tiegħek u dan mingħajr preavviż ieħor.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 21 ta' Frar, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

187(3) of Cap. 12 for the purpose of effecting service on the respondent Bjorn Borg.

In the Rent Regulation Board

Today 1st November, 2024

To Bjorn Borg (ID 408894M) of 89, Dar ir-Redentur, Triq Tumas Fenech, Birkirkara

By this present Dennis Ciantar (ID 597583M) of 119. Fiongord Court, Flat 3, Triq Qrajten, Gwardamanġa, Tal-Pietà, whilst referring to the commercial lease of the shop with the name Buzz Barberz with the address Triq G. Mamo, Msida, leased to you by the interpellant solicits you for all intents and purposes of Article 9 (a) (i) of Cap. 69 of the Laws of Malta to come forward for the payment of the arrears of rent for the months September, October and November of the year 2024 for the said commercial lease and this within not later than 15 days as contemplated by the same Article.

Failing which all the necessary steps according to law will be taken against you, including the issuing of precautionary warrants against you and this without further notice.

With costs and interest

Registry of the Superior Courts, today 21st February, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

481

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-14 ta' Novembru, 2023, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2603/2023, fl-ismijiet Automated Revenue Management Services Ltd noe vs Robert Muscat, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Robert Muscat a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 30 ta' Awwissu, 2023

Lil Robert Muscat (KI 243380M) ta' 6, Sur San Pawl, Bormla

Permezz tal-preżenti Automated Revenue Management Services Ltd (C46054) ta' Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, f'isimha proprju u għan-nom ta' Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, qed tinnotifikak bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata bħala Dokument A għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qed tinterpellak sabiex

By means of a decree of the 14th November, 2023, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 2603/2023 in the names Automated Revenue Management Services Limited noe vs Robert Muscat, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Robert Muscat in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 30th August, 2023

To Robert Muscat (ID 243380M) of 6, Sur San Pawl, Cospicua

By the present, Automated Revenue Management Services Limited (C46054) of Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, in its own name and on behalf of Enemalta plc and Water Services Corporation, notifies you with the attached sworn declaration marked as Document A for all the purposes and effects of Article 466 of Cap. 12 of the Laws of Malta and solicits you to pay

tħallas is-somma ta' €11,618.72, liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rappreżentanti bilanċ dovut għall-konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjeż amministrattivi, connection u disconnection fees u/jew kull ħlas ieħor skont ir-regolamenti fuq il-provvista tal-elettriku, jew ir-regolamenti dwar il-fornitura tal-ilma, flimkien mal-imgħax dovut fuq l-ammont skont il-liġi relatat mal-kontijiet tas-servizzi utili bin-numru 411000229073 ossija dwar il-fond bl-indirizz 6, Sur San Pawl, Bormla.

Nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-mittenti għall-ħlas tal-ammont dovut, inti nqast milli tħallas sal-ġurnata tal-preżentata ta' din l-ittra. Aktar minn hekk ma hemm l-ebda raġuni valida għal din l-inadempjenza u int qatt ma kkontestajt l-ammont dovut.

Dan l-att qiegħed jintbagħat lilek għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni daparti tiegħek fit-termini tal-imsemmi Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mittenti tgħaddu biex tesegwixxu dan il-kreditu skont il-liġi.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 21 ta' Frar, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

the amount of €11,618.72, which amount is sure, liquid and due and representing the balance due for the consumption of water and electricity, rent of water and electricity meter, administrative fees, connection and disconnection fees, and/or any other payment according to the electricity supply regulations and the water supply regulations together with interest due on the amount according to law regarding the utility bills with number 411000229073 regarding the premises with address 6, Sur San Pawl, Cospicua.

Despite several solicitations by the applicant company for the payment of the amount due, you remained in default and did not pay till the day of the filing of this judicial letter. In addition, there is no valid reason for your failure to pay and you never contested the amount due.

This act is being sent to you for all the purposes and effects of law and in default of payment or opposition on your part within the time mentioned in Article 466 Cap. 12 of the Laws of Malta, the applicant company shall proceed to enforce this credit according to law.

With costs

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 21st February, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

482

Permezz ta' digriet mogħti fis-7 ta' Frar, 2025, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4266/2024, fl-ismijiet Francis sive Frank Scorfna et vs Ahmad Alouad, il-Bord li Jirregola l-Kera ordna s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Ahmad Alouad a tenur tal-artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Bord li Jirregola l-Kera

Illum 18 ta' Settembru, 2024

Lil Ahmad Alouad (passaport Grieg numru AA6146476) ta' 22, Triq il-Karmnu, Ħal Tarxien

Permezz tal-preżenti Francis sive Frank Scorfna (KI 861152M) flimkien ma' martu Concetta sive Cettina Scorfna (KI 380255M) jagħmlulek referenza għall-kuntratt ta' kera datat 29 ta' Lulju, 2021, rigward il-fond kummerċjali ossija il-garaxx numru 10 Triq Tal-Barrani, Iż-Żejtun, mingħajr l-arja tiegħu.

Illi dritt ninformak li int ilek għal diversi xhur moruż fil-ħlas tal-kera dovuta stante li l-ħlasijiet kienu konsistentament ikunu bin-nieqes, għalhekk bilanċ totali pendenti dovut lill-

By means of a decree given on the 7th February, 2025, in the records of the judicial letter number 4266/2024, in the names Francis sive Frank Scorfna et vs Ahmad Alouad, the Rent Regulation Board ordered the following publication in terms of Article 187(3) of Cap. 12 for the purpose of effecting service on the respondent Ahmad Alouad.

In the Rent Regulation Board

Today 18th September, 2024

To Ahmad Alouad (Greek passport number AA6146476) of 22, Triq il-Karmnu, Ħal Tarxien

By this present Francis sive Frank Scorfna (ID 861152M) together with his wife Concetta sive Cettina Scorfna (ID 380255M) make reference to the lease agreement dated 29th July, 2021, regarding the commercial premises or rather garage number 10, Triq Tal-Barrani, Żejtun, without its airspace.

They have the right to inform you that you have been in delay for several months in the payment of the rent due since the payments were consistently not in line with

mittenti fl-ammont ta' €31,432. Dan l-ammont jinkludi wkoll in-nuqqas ta' ħlas tal-kirja dovuta b'mod sħiħ għall-perjodu bejn Mejju u Settembru tas-sena 2024. Tali nuqqas min-naħa tiegħek jammonta għal ksur flagranti tal-kundizzjonijiet tal-kirja kif obbligat tħallas skont klawsola numru (1)(b)(c) tal-kuntratt tal-kera imsemmi;

Illi inoltre, inti inqas li tħallas is-somma ta' €866 rappreżentanti kontijiet ta' servizzi għad-dawl u l-ilma għall-istess perjodu kif imsemmi su espost u dan bi ksur ta' klawzola numru 11 tal-istess kuntratt ta' kera imsemmi;

Illi għalhekk il-pendenza globali dovuta minnek lill-mittenti hija preżentament ta' €32,298 salv ħlasijiet u kontijiet oħrajn pendenti li jistgħu jirriżulaw sad-data li l-fond inkwistjoni jiġi ritornat lill-mittenti. Minkejja li ġejt bosta drabi interpellat personalment mis-sidien qua mittenti inti bqajt inadempjenti li tħallas u tirregola ruħek.

Għaldaqstant, il-mittenti qiegħed bil-preżenti, għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi, jinterpellak għall-aħħar darba sabiex tħallas is-somma kollha dovuta minnek kif indikat su espost, fi żmien ħmistax-il (15) jum u kemm-il darba tibqa' inadempjenti se jittieħdu l-proċeduri opportuni kontra tiegħek inkluż għall-iżgumbrament flimkien b'mandati opportuni.

Tant sabiex tagħraf timxi u tirregola ruħek.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati Superjuri illum 21 ta' Frar 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

the due amounts, thus total outstanding balance due to the interpellants in the amount of €31,432. This amount also includes the non-payment of the rent due in full for the period between May and September of the year 2024. Such default on your part amounts to a flagrant breach of the conditions of the lease as you are obliged to pay according to clause number (1) (b) (c) of the lease agreement mentioned;

That furthermore, you are failed to pay the sum of €866 representing utility bills for the same period as mentioned above and this in violation of clause number 11 of the same lease agreement mentioned;

That thus the global debt due by you to the interpellant is presently of €32,298 saving other pending payments and bills that may result till the date that the premises in question are returned to the interpellant. Although you were solicited several times personally by the interpellant owners you remained in default to pay come in line.

Thus, the interpellant is presently calling upon you for all intents and purposes of law, for the last time to pay all the sum due by you as indicated above, within fifteen (15) days and if you remain in default, the opportune procedures will be taken against you including for eviction together with the opportune warrants.

So much so that you may know how to proceed and regulate yourself.

With costs

Registry of the Superior Courts today 21st February 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

483

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-24 ta' Ottubru, 2024, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2673/2024, fl-ismijiet Etienne Caruana noe vs Marika Fsadni pro et noe, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Marika Fsadni f'isimha proprju u għan-nom u in rappreżentanza ta' M Fsadni & Associates a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum l-1 ta' Awwissu, 2024

Lil Marika Fsadni (KI 0103465M) f'isimha proprju u għan-nom u in rappreżentanza ta' M Fsadni & Associates ta' 164A, Triq il-Kostituzzjoni, Il-Mosta MST 9055, Malta.

By means of a decree of the 24th October, 2024, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 2673/2024 in the names Etienne Caruana noe vs Marika Fsadni pro et noe, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Marika Fsadni in her own name and for and on behalf of M Fsadni & Associates in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 1st August, 2024

To Marika Fsadni (ID 0103465M) in her own name and for and on behalf of M. Fsadni & Associates of 164A, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta MST 9055, Malta.

Permezz tal-preżenti Etienne Caruana (KI 464077M) għan-nom u in rappreżentanza tal-Awtorità tal-Istatistika ta' Malta hekk kif stabbilita permezz tal-Att dwar l-Awtorità tal-Istatistika ta' Malta, Kap. 422 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan skont riżoluzzjoni tal-istess Awtorità li qed tiġi mehmuza u mmarkata bħala Dok. A, qed tinnotifikakom bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata bħala Dok. B, għall-finijeit u effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qed tinterpellakom sabiex tħallsu s-somma ta' €1,380, liema dejn huwa ċert, likwidu u dovut u rappreżentanti penali amministrattiva imposta lilkom ai termini tal-artikolu 43(2) tal-Kap. 422 tal-Liġijiet ta' Malta invista tan-nuqqas tagħkom li tibagħtu żewġ kwestjonarji li kontu mitluba tibagħtu sal-31 ta' Diċembru, 2023, bl-isem Innovation Survey 2022 u Business Statistic Survey 2022 rispettivament. Permezz ta' dan l-att il-mittenti qed iġġib għall-formali konjizzjoni tagħkom dawn il-penali se jibqgħu jiżdiedu bl-ammont ta' €115 għal kull xahar jew parti minnu li tibqgħu tonqsu milli tibagħtu l-imsemmija kwestjonarji, u dan skont is-surreferit artikolu 43(2) tal-Kap. 422 tal-Liġijiet ta' Malta.

Nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-mittenti għall-ħlas tal-ammont dovut, intom inqastu milli tħallsu sal-ġurnata tal-preżentata ta' din l-ittra. Aktar minn hekk ma hemm l-ebda raġuni valida għal din l-inadempjenza u intom qatt ma kkontestajtu l-ammont dovut.

Dan l-att qiegħed jintbagħat lilkom għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni daparti tagħkom fit-termini tal-imsemmi Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mittenti tgħaddi biex tesegwixxi dan il-krettu skont il-liġi.

Bl-ispejjeż u b'riżerva għad-dritt għall-imgħax skont il-liġi sad-data tal-pagament effettiv.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 21 ta' Frar, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By the present, Etienne Caruana (ID 464077M) for and on behalf of the Malta Statistics Authority, as established by means of Malta Statistics Authority Act, Cap 422 of the Laws of Malta, and this according to the resolution of the same Authority that is being attached and marked as Doc. A, notifies you with the attached sworn declaration marked as Document B for all the purposes and effects of Article 466 of Cap. 12 of the Laws of Malta and solicits you to pay the amount of €1,380, which amount is sure, liquid and due and representing the administrative penalty imposed on you in terms of Article 43(2) of Cap. 422 of the Laws of Malta in view of your default to send two questioners that you were requested to send till the 31st December, 2023, with the name Innovation Survey 2022 and Business Statistics Survey 2022 respectively. By means of this act the interpellant is bringing to your formal notice these penalties that shall continue to increase with the amount of €115 per month or part of it if you continue to fail to send the said questioners and this according the above mentioned article 43(2) of Cap 422 of the Laws of Malta.

Despite several solicitations by the applicant for the payment of the amount due, you remained in default and did not pay till the day of the filing of this judicial letter. In addition, there is no valid reason for your failure to pay and you never contested the amount due.

This act is being sent to you for all the purposes and effects of law and in default of payment or opposition on your part within the time mentioned in Article 466 Cap. 12 of the Laws of Malta, the applicant company shall proceed to enforce this credit according to law.

With costs and reserving any right for interest according to law till the date of effective payment.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 21st February, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

484

Permezz ta' digriet mogħti fil-25 ta' Ottubru, 2024, mill-Qorti Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3186/2024, fl-ismijiet Grace Caruana et vs Rokku Caruana, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Rokku Caruana a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 11 ta' Lulju,2024

By means of a decree of the 25th October, 2024, of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 3186/2024, in the names Grace Caruana et vs Rokku Caruana, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Rokku Caruana in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 11th July, 2024

Lil Rokku Caruana ta' 9, St Mary, Triq Gianferli, Iż-Żurrieq

Permezz tal-preżenti Grace Caruana (KI 696849M) u t-tfal tagħha Carmel Caruana (KI 526277M) u Maria Cauchi (KI 321383M) ta' Southern Pearl, Blk C, Flt 8, Triq il-Kan. Dun Ġużepp Portelli, Iż-Żurrieq, qegħdin jinterpellawk sabiex fi żmien sebat (7) ijiem mid-data tan-notifika ta' dan l-Att, inti tersaq sabiex tiftiehem magħhom b'referenza għall-bejgħ tal-garaxx numru 7 fi Triq Antonia Farrugia, Iż-Żurrieq.

Illi kif diġà kkomunikaw miegħek il-mittenti f'diversi okkażjonijiet f'dawn l-aħħar sentejn, l-istess mittenti jixtiequ jbigħu l-garaxx sureferit, li inti għandek sehem minnu ta' kwart indiviż u dan kif ikkonfermat minn riċerki notarili li provdiet is-segwenti:

Oriġinarjament, l-art li fuqha ġiet kostruwita l-proprjetà in vendita kienet akkwistata minn Carmelo u Carmela konjuġi Caruana in forza ta' kuntratt ta' enfitewsi perpetwa fl-atti tan-Nutar Nicola Said tad-29 ta' Jannar, 1974. Sussegwentemnt, Carmelo u Carmela konjuġi Caruana akkwistaw id-dirett dominju perpetwu, u ċ-ċens annwu u perpetwu relattiv li jaggrava l-art in forza ta' att ta' bejgħ tan-Nutar Joseph Raphael Darmanin tad-19 ta' Jannar, 1976.

L-imsemmi Carmelo Caruana miet fit-28 ta' Mejju, 1977, bl-aħħar testament tiegħu fl-atti tan-Nutar Joseph Raphael Darmanin tal-5 ta' Novembru, 1974, fejn innomina u istitwixxa bħala eredi universali u padruni assoluti ta' ġidu kollu lit-tliet uliedu Carmel sive Karmnu, Joseph u Rokku aħwa Caruana fi kwoti ndaqs bejnithom.

L-imsemmija Carmela Caruana mietet fl-10 ta' Jannar, 2016, bl-aħħar żewġ testmenti tagħha magħmula wieħed unika charta mal-premort żewġha Carmelo Caruana fl-atti tan-Nutar Joseph Raphael Darmanin tal-5 ta' Novembru, 1974, u l-ieħor fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja tat-2 ta' Ottubru, 2003, li bis-saħħa tiegħu innominat bħala eredi universali tagħha lit-tliet ulied Carmel sive Karmnu, Joseph u Rokku aħwa Caruana fi kwoti ndaqs bejniethom filwaqt li ħalliet b'titoli ta' Legat il-garaxx hawn mibjugħ a favur tat-tifel tagħha Joseph Caruana. Il-causa mortis u l-immissjoni fil-pussess ġew debitament ippubblikati in forza ta' żewġ kuntratti fl-atti tan-Nutar Daniel John Bugeja tat-12 ta' Mejju, 2016.

In forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Daniel John Bugeja tas-17 ta' Mejju, 2016, Carmel Caruana biegħ sehmu ta' sest indiviż (1/6) fil-proprjetà in vendita a favur ta' ħutu Rocco Caruana u Joseph Caruana biex b'hekk huma ħadu sehem ta' 1/12 indiviż kull wieħed minnhom.

To Rokku Caruana of 9, St Mary, Triq Gianferli, Żurrieq

By the present Grace Caruana (ID 696849M) and her children Carmel Caruana (ID 526277M) and Maria Cauchi (ID 321383M) of Southern Pearl, Blk C, Flt 8, Triq il-Kan. Dun Ġużepp Portelli, Żurrieq, solicits you so that within seven (7) days from the date of service of this act, you come forward to agree with them with respect to the sale of garage number 7 in Triq Antonia Farrugia Żurrieq.

That as already communicated to you by the interpellants on various occasions during the last two years, the same interpellants wish to sell the garage above mentioned, of which you have a share of one fourth undivided share and this as confirmed by notarial searches from which the following resulted:

Originally, the land on which the property was built on sale was acquired by Carmelo and Carmela spouses Caruana in virtue of a contract of perpetual emphyteusis in the records of Notary Nicola Said of the 29th January, 1974. Subsequently, Carmelo and Carmela spouses Caruana acquired the perpetual direct dominium, and the relative annual and perpetual groundrent which aggravates the land in virtue of a deed of sale of Notary Joseph Raphael Darmanin of the 19th January, 1976.

The said Carmelo Caruana died on the 28th May, 1977, with his last will in the records of Notary Joseph Raphael Darmanin of the 5th November, 1974, whereby he nominated and instituted as universal heirs and absolute owners of all his wealth to his three children Carmel sive Karmnu, Joseph and Rokku brothers Caruana in equal shares between them.

The said Carmela Caruana died on the 10th January, 2016, with her last two wills made one unicha charta with her late husband Carmelo Caruana in the records of Notary Joseph Raphael Darmanin of the 5th November, 1974, and the other in the records of Notary Mario Bugeja of the 2nd October, 2003, by virtue of which she nominated as her universal heirs her three children Carmel sive Karmnu, Joseph and Rokku brothers Caruana in equal shares between them while leaving by title of legacy the garage here sold in favour of her son Joseph Caruana. The causa mortis and the placing in possession were duly published in virtue of two contracts in the records of Notary Daniel John Bugeja of the 12th May, 2016.

In virtue of a contract in the records of Notary Daniel John Bugeja of the 17th May 2016 Carmel Caruana sold his share of one sixth undivided share (1/6) in the property on sale in favour of his brothers Rocco Caruana and Joseph Caruana so that they took one 1/12 undivided share each of them.

L-imsemmi Joseph Caruana miet intestat fit-23 ta' Jannar, 2019, u b'hekk wirtuh skont il-liġi tas-suċċessjoni ab intestto inkwantu għal imsemmi mart id-decujus Grace Caruana għal nofs (1/2) indiviż u inkwantu għar-rimanenti nofs (1/2) indiviż iż-żewġt itfal tad-decujus ċjoè Carmel u Maria aħwa Caruana u ċjoè inkwantu għal kwart kull wieħed minnhom. Il-causa mortis ġiet debitament ippubblikata in forza ta' kuntratt fl-atti tiegħi Nutar sottofirmat tad-19 ta' Lulju, 2019, fejn il-prorpejtà ġiet debitament iddikajra u stmata bil-valur ta' €90,000 fl-intier tagħha u għaldaqstant sehem id-decujus ta' nofs indiviż jammonta għal €45,000 fejn permezz ta' causa mortis addizzjonali fl-atti tan-Nutar sottofirmat u datat 11 ta' Jannar, 2024, il-komparenti Grace Caruana għal nofs (1/2) indiviż u inkwantu għar-rimanenti nofs (1/2) indiviż iż-żewġt itfal tad-decujus ċjoè Carmel u Maria aħwa Caruana u ċjoè inkwantu għal kwart kull wieħed minnhom, iddikjaraw ir-rimanenti kwart (1/4) indiviż mill-wirt ta' missierhom u ċjoè Joseph Caruana.

The said Joseph Caruana died intestate on the 23rd January, 2019, and thus he was inherited according to the law of intestate succession and namely as for the said wife of the deceased, that is, Grace Caruana for one half (1/2) undivided share and as for the remaining one half (1/2) undivided share of the two children of the deceased namely Carmel and Maria siblings Caruana and namely as for one fourth each of them. The causa mortis was duly published in virtue of a contract in my records of the undersigned Notary of the 19th July, 2019, whereby the property was duly declared and valued at €90,000 in its entirety and thus the one-half undivided share of the deceased amounts to €45,000 whereby by means of an additional deed of causa mortis in the records of the undersigned Notary dated 11th January, 2024, the respondents Grace Caruana for her half (1/2) undivided share and as for the remaining half (1/2) undivided share the two children of the deceased namely Carmel and Maria siblings Caruana and namely as for one fourth each of them, declared the remaining one fourth (1/4) undivided share from the inheritance of their father namely Joseph Caruana.

Illi fil-passat inti wrejt interess sabiex tixtri r-rimanenti ishma tal-partijiet indiviżi tal-istess garaxx, però tali interess ma renda l-ebda riżultat u dan minkejja li nel frattemp inti bqajt tuża l-istess garaxx għall-ħażna ta' numru ta' oġġetti tiegħek;

That in the past you showed an interest to buy the remaining shares of the undivided parts of the same garage, but such interest did not yield any results and this despite that in the meantime you continued to use the same garage for the storage of a number of your objects;

Illi tenut kont in-nuqqas ta' interess daparti tiegħek milli takkwista tali sehem li huma għandhom mill-garaxx, il-mittenti inkarigaw is-servizzi ta' perit sabiex proprju jivvaluta u jikkwantifika l-valur tal-garaxx fuq is-suq. In tali evalwazzjoni l-istess perit, is-Sur Joseph Zahra, ipprepara rapport li sejjer jiġi anness ma' dan l-att u mmarkat bħala Dok. A fejn proprju wasal għall-konkluzjoni li l-garaxx jiswa €150,000;

That keeping in view the lack of interest on your part to acquire such share that they have from the garage, the interpellants engaged the services of an architect to evaluate and quantify the value of the garage on the market. From such evaluation the same architect, Mr Joseph Zahra, prepared a report which will be attached to this act and marked Doc. A where he came to the conclusion that the garage is valued at €150,000;

Illi oltre minn hekk, u insegwitu għal tali evalwazzjoni, il-mittenti daħlu f'komunikazzjoni ta' terza persuna interessata fix-xiri tal-istess garaxx, li tinsab preżentament disposta tixtri tali garaxx għall-ammont sħiħ indikat mill-perit.

That furthermore, and following such evaluation, the interpellants entered into discussions with a third party interested in the purchase of the same garage, who is presently willing to buy such garage for the full amount indicated by the architect.

Għaldaqstant, u tenut kont iċ-ċirkiostanzi, il-mittenti qegħdin jinterpellawk sabiex fit-terminu fuq imsemmi inti tikkomunika magħhom sabiex proprju:

Thus, and keeping in view the circumstances, the interpellants are soliciting you so that within the time above mentioned you communicate with them so that you:

1. Tinfurmahom bl-interess tiegħek o menu sabiex proprju tixtri s-sehem tagħhom mill-garaxx, għall-prezz li jirrifletti tali sehem; jew

1. Inform them of your interest so that you buy their share from the garage, for the price which reflects such share; or

2. Jekk kemm il-darba ma għadx hemm interess daparti tiegħek milli tixtri s-sehem tagħhom, tersaq sabiex tidħol f'konvenju mat-terza persuna interessata, sabiex jinbiegħ il-garaxx għall-valur indiakt t' €150,000.

2. If there is no longer any interest on your part to buy their share, you come forward to enter into a promise of sale agreement with the third party interested, so that the garage can be sold for the indicated value of €150,000.

Illi tenut kont li tali proċess ta' bejgħ jirrikjedi l-involviment tas-sidien kollha, inkluż tiegħek, u jekk kemm-il darba sejjer tonqos milli tersaq għal tali proċess ta' bejgħ, huma mhu se jkollhom l-ebda alternttiva għajr illi jinterpellawk permezz ta' proċeduri ġudizzjarji sabiex proprju jsir tali bejgħ u dan ai fini u effetti kollha tal-liġi.

Ulterjorment, kull dewmien f'tali bejgħ mhux biss sejjer ikompli joħloq dannu lill-mittenti, iżda ukoll sejjer potenzjalment jitlef il-bejgħ ta' tali garaxx u għal dan il-mittenti qegħdin iżommuk responsabbli għal kull dannu.

Dan l-att qiegħed jintbagħat għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Tant biex tagħraf timxi u tirregola ruħek u sabiex jiġu evitati spejjeż ulterjuri.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 21 ta' Frar, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

That keeping in view that such process of sale requires the involvement of all the owners, including yours, if you fail to come forward to such process of sale, they shall have no alternative but to call upon you by means of judicial procedures so that such sale is made and this for all intents and purposes of law.

Further, any delay in such sale will not only continue to cause damage to the interpellants, but will also potentially make them lose the sale of such garage and for this interpellants are holding you responsible for any damage.

This letter is being sent for all intents and purposes of law.

So much so that you may know how to proceed and regulate yourself and to avoid further costs.

With costs

Registry of the Superior Courts today 21st February, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

485

Permezz ta' digriet mogħti fit-2 ta' Ottubru, 2024, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3589/2024, fl-ismijiet 35°14° Capital SCC plc noe vs Nicolai Grech, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Nicolai Grech a tenur ta' l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap 12.

Fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 6 ta' Awwissu, 2024

Lil: Nicolai Grech (KI 121892M) ta' 26, Redeemer, Triq Giacomo Leopardi, Is-Siġġiewi

Permezz tal-preżenti ittra uffiċjali, is-soċjeta' 35°14° Capital SCC plc (C105417) li qed taġixxi għan-nom ta' Cell Couros, ta' 19, Triq il-Konservatorji, Il-Furjana FRN 1521, Malta, sabiex mhux iżjed tard minn għaxart (10) ijiem minn meta tirċievi din l-ittra, inti tħallas l-ammont ta' €173,661.37 flimkien ma' €2,893.30, b'kollox ammontanti għal €176,554.67 dovut sad-data tal-preżentata ta' din l-ittra uffiċjali rappreżentanti l-faciltajiet bankarji li ġew konċessi lilek mis-soċjeta Bank of Valletta plc. Għal kull bon fini kopja tar-rendikonti relattivi qegħdin jiġu hawn annessi u mmarkati bħala Dok. A u Dok. B.

Peress illi inti ksirt l-obbligi kuntrattwali tiegħek skont it-termini u kundizzjonijiet tal-faċilitajiet bankarji surreferiti, u

By means of a decree of the 2nd October, 2024, in the records of the judicial letter number 3589/2024, in the names 35°14° Capital SCC plc noe vs Nicolai Grech the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service on Nicolai Grech in terms of Article 187(3) et sequitur of Chapter 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 6th August, 2024

To: Nicolai Grech (ID 121892M) of 526, Redeemer, Triq Giacomo Leopardi, Siġġiewi

By means of this present, the company 35 ° 14 ° Capital SCC plc (C105417) acting on behalf of Cell Couros, of 19, Triq il-Konservatorji, Floriana FRN 1521, Malta, so that by not later than ten (10) days from when you receive this letter, you pay the amount of €173,661.37 together with €2,893.30, in total amounting to €176,554.67 due till the date of presentation of this judicial letter representing the banking facilties that were granted to you by the company Bank of Valletta plc. For all intents and purposes a copy of the relative statements are here attached and marked as Doc. A and Doc. B.

Since you have breached your contractual obligations according to the terms and conditions of the banking facilities

saħansitra kont moruż fil-pagament, inti tlift il-benefiċċju li tħallas is-self fuq medda ta' żmien u għalhekk l-ammont ġie kollu dovut.

Dan l-ammont qiegħed jintalab lilek mis-soċjetà mittenti stante illi b'effett mit-18 ta' Dicembru, 2023, id-drittijiet u d-debitu relattiv ġie assenjat u ċedut mill-Bank of Valletta plc (C2833) u favur tas-soċjetà mittenti u dan skont il-provvedimenti tal-Kapitolu 484 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fin-nuqqas di parti tiegħek li tħallas l-ammont kif mitlub fl-intier tiegħu entru t-terminu lilek preskritt, is-soċjetà mittenti mhux se jkollha ebda għażla oħra għajr billi tipproċedi konta tiegħek skont il-liġi, inkluż bil-ħruġ tal-mandati opportuni u dan mingħajr ebda preavviż ieħor.

1. Kuntratt in atti tan-Nutar Emanuele Agius datat 9 ta' April, 1934, Emanuele Farrugia fiż-żwieġ tiegħu ma' Maria Dolores née Bonavia akkwista b'subenfitewsi perpetwa sit fabbrikabbli ta' 39 qasba kwadra b'bini fuq parti mill-istess sit konsistenti minn żewġ (2) magazzini bin-numri tnejn (2) u tlieta (3) fi triq ġdida li tgħati għal Psaila Street, Birkirkara, suġġett għas-subċens annwu ta' Lm3.25, kif aħjar deskritt fl-istess att (Dok. B);

2. Kuntratt in atti tan-Nutar Mario Bonello datat 13 ta' Ottubru, 1945, Maria Dolores armla ta' Emanuele Farrugia akkwistat mingħand Angelo Vella is-subutile dominju u perpetwu u benefikati ta' remissa numru wiehed (1) fi Triq Dun Filippo Borg, Birkirkara, suġġetta għaċ-ċens ossija s-subċens ta' sittin ċenteżmu tal-lira Maltija (Lm0.60), jew kif aħjar deskritta fl-istess att (Dok. C).

Illi l-fond surriferit huwa gravanti ċ-ċens annwu u perpetwu ta' tliet liri Maltin u ħamsa u tmenin ċenteżmu tal-lira Maltija (Lm3.85) ossija tmien ewro u sebgħa u disgħin ċenteżmu tal-ewro (€8.97), li minnhom:

1. Lira Maltija u tmienja u tmenin ċenteżmu tal-lira Maltija (Lm 1.88) ossija erba' ewro u tmienja u tletin ċenteżmu tal-ewro (€4.38) huwa ċens oriġinali li se jiġi mifdi permezz ta' ċedola ta' depożitu apparti preżentata kontestwalment mal-preżenti ċedola; u

2. Lira Maltija u sebgħa u disghin ċenteżmu tal-lira Maltija (Lm1.97) ossija erbgħa ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmu tal-ewro (€4.59) huma żieda, ċjoè subċens affavur l-intimat subdirettarju Angelo Vella;

Illi kif jirriżulta mill-provenjenza tal-istess atti surriferiti, iċ-ċens oriġinali gravanti l-proprjetà inkwistjoni ġie konċess in atti tan-Nutar Dott. Arturo Leone Ganado datat 31 ta' Diċembru, 1930 (Dok. D) bir-rata ta' għaxar (10) soldi (Lm0.041666) kull qasba kwadra, u kif konfermat b'att ta' xiri tad-dirett dominju de quo in atti tan-Nutar Dott. Paul Pelligrini Petit datat 29 ta' Mejju, 1980 (Dok. E), iċ-ċens oriġinali totali fuq l-proprjetà de quo huwa ta' lira Maltija u sebgħa u tmenin ċenteżmu u ħames milleżmi (Lm1.87.5), jew Lm1.88, ossija erba' ewro u tmienja u tletin ċenteżmu tal-ewro (€4.38), bid-differenza rimanenti fiċ-ċens totali kif impost, tirriżulta bħala żieda jew subċens.

Illi l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mill-fakultà lilhom mogħtija bl-artikolu 1501 tal-Kap. 16 tal-

That the property above mentioned devolved on the applicants and their ancestors in title through various successions, but principally from the succession of Emanuele Farrugia and his wife Maria Dolores née Bonavia, pursuant to the following:

1. Contract in the records of Notary Emanuele Agius dated 9th April, 1934, Emanuele Farrugia in his marriage with Maria Dolores née Bonavia acquired by perpetual sub-emphyteusis a building site of 39 square canes with a building on part of the same site consisting of two (2) stores numbered two (2) and three (3) in a new street awarded to Psaila Street, Birkirkara, subject to the annual sub-groundrent of Lm3.25, as better described in the same deed (Doc. B);

2. Contract in the records of Notary Mario Bonello dated 13th October, 1945, Maria Dolores widow of Emanuele Farrugia acquired from Angelo Vella the sub-utile dominium and perpetual and improvments of tenement number one (1) in Triq Dun Filippo Borg, Birkirkara subject to the ground rent or rather the sub groundrent of sixty cent of the Maltese lira (Lm0.60), or as better described in the same deed (Doc. C).

That the premises above mentioned are burdened by the annual and perpetual groundrent of three Maltese liri and five and eighty cents of the Maltese Lira (Lm3.85) or rather eight euro and nine euro cents (€8.97), of which:

1. One Maltese lira and eighty eight cents of the Maltese lira (Lm 1.88) or rather four euro and thirty eight euro cents (€4.38) is an original ground rent which will be redeemed through a schedule of deposit, filed concurrently with this present schedule of deposit; and

2. One Maltese lira and seven and ninety cents of the Maltese lira (Lm1.97) that is four euro and fifty nine euro cents (€4.59) are increases, that is the sub groundrent in favour of the respondent sub direct owner Angelo Vella;

That as results from the root of title of the same deeds above referred to, the original groundrent burdening the property in question was conceded in the records of Notary Doctor Arturo Leone Ganado dated 31st December, 1930 (Doc. D) at the rate of ten (10) pence (Lm0.041666) per square cane, and as confirmed by a deed of purchase of the direct dominium de quo in the records of Notary Doctor Paul Pelligrini Petit dated 29th May, 1980 (Doc. E), the total original ċensus on the property de quo is one Maltese lira and eighty seven cents and five millets (Lm1.87.5), or Lm1.88, that is four euro and thirty eight euro cents (€4.38), with the remaining difference in the total groundrent as imposed, resulting as an increase or subgroundrent.

That the applicants wish to avail themselves of the option given to them by Article 1501 of Cap. 16 of the Laws of Malta

Liġijiet ta' Malta u jifdu dan l-istess subċens annwu u perpetwu surriferit ai termini tal-liġi;

Illi għalhekk permezz tal-preżenti ċedola, l-esponenti sejrin jkunu qed jifdu ż-żieda imposta fuq iċ-ċens oriġinali ossija s-subċens, filwaqt li ċ-ċens oriġinali sejjer jkun qed jinfeda b'ċedola separata u preżentata kontestwalment mal-preżenti;

Illi l-ammont ta' erba ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmu tal-ewro (€4.59) kapitalizzat bir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%), ai termini tal-liġi, jammontaw għal wieħed u disgħin ewro u tmenin ċenteżmu tal-ewro (€91.80);

Illi inoltre u għall kull bon fini, l-esponenti qegħdin ukoll jiddepożitaw l-ammont ta' tnejn u għoxrin ewro u ħamsa u disgħin ċenteżmu tal-ewro (€22.95), rappreżentanti ħames snin/skadenzi tal-istess canone inkwistjoni;

Għaldaqstant, l-esponenti qegħdin umilment jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tal-istess jgħaddu sabiex jiddepożitaw is-somma totali ta' mija u erbatax-il ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu tal-ewro (€114.75) rappreżentanti prezz ta' fidi ta' dan is-subċens annwu u perpetwu u skadenzi ta' ċens, dovuti u pagabbli lill-eredi mhux magħrufa tas-subdirettarju Angelo Vella, negozjant, iben il-mejjet Nicola u l-mejta Carmela née Cilia, imwieled ir-Rabat (Malta) u kien residenti Birkirkara, jew min għandu dritt għaliha ai termini tal-liġi, sabiex tingħata liberalment lilhom wara li tiġi rilaxxata d-debita rċevuta skont il-liġi.

Esponenti: Caroline Camilleri, 9, Il-Binja, Triq ix-Xehda, In-Naxxar

Notifika: Direttur tar-Reġistru Pubbliku, 126, Triq l-Arċisqof, Il-Belt Valletta
Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħzel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Giovanni Grixti, LLD, Duttur tal-Liġi.

and redeem the same annual and perpetual subgroundrent above referred to in terms of law;

That thus through the present schedule of deposit, the applicants will be redeeming the increase imposed on the original groundrent or rather the subgroundrent whilst the original groundrent will be redeemable by a separate schedules of deposit and presented concurrently with the present;

That the amount of four euro and fifty nine euro cents (€4.59) capitalised at the rate of five percent (5%), in terms of law, amount to ninety one euro and eighty euro cents (€91.80);

That furthermore and for all intents and purposes, the applicants are also depositing the amount of twenty two euro and five and ninety euro cents (€22.95), representing five years/lapses of the same canon in question;

Thus, the applicants are humbly calling upon this Honourable Court and under its authority they pass on to deposit the total sum of one hundred and fourteen euro and five and seventy euro cents (€114.75) representing the redemption price of this annual and perpetual sub groundrent and groundrent installments, due and payable to the unknown heirs of the sub-direct owner Angelo Vella, businessman, son of the late Nicola and the late Carmela née Cilia, born in Rabat (Malta) and resided in Birkirkara, or who has a right to it in terms of law, in order to be freely given to them after leaving the due receipt according to law

Applicants: Caroline Camilleri, 9, Il-Binja, Triq ix-Xehda, Naxxar

Notification: Director Public Registry, 126, Triq l-Arċisqof, Valletta
Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Giovanni Grixti, LLD, Doctor of Laws.

Illum 19 ta' Jannar, 2024

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 21 ta' Frar, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Registratur, Qrati u Tribunali

Today 19th January, 2024

Registry of the Superior Courts, today 21st February, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

493

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fis-17 ta' Jannar, 2025, fuq talba ta' National Lottery plc ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-intimata jew lill-eredi tagħha fl-atti taċ-ċedola numru 97/2025 fl-ismijiet National Lottery plc vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegewenti.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens numru 97/2025 fl-ismijiet National Lottery plc (C100229) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lil Salvina Micallef née Mifsud, mart Vincenzo Micallef, bint il-mejjet Valentino Mifsud u Grazia née Fenech jew lill-eredi mhux magħrufa tal-istess Salvina Micallef, fil-Prim'Awla tal-Qorti fis-16 ta' Jannar, 2025, fejn National Lottery plc (C1000229) esponew bir-rispett:

Permezz ta' kuntratt datat it-tletin (30) ta' Mejju elfejn tlieta u għoxrin (2023) fl-atti tan-Nutar Dott. Clyde La Rosa, l-esponenti akkwistaw:

"the divided portion of land in the limits of Żebbuġ, Malta, forming part of the land known as "Ta' Enun", at times also referred to as "Ta Emni", having a superficial area of approximately six thousand five hundered and fifty (6,550) square metres, which is bounded on the north by Mdina Road, also referred to as Notabile Road, on the south by Triq Għarram and on the west by property of Salvatore Abela or his successors in title, including the factory building and other constructions which are presently built on such portion of land, which has a frontage on and is acessible from Mdina Road, Ħaż-Żebbuġ, Malta, as well as from Triq Għarram, Ħaż-Żebbuġ, Malta …

The Property is subject to the annual perpetual and non-revisable ground-rent and subground-rent of one thousand eight hundred and sixty euro and eighteen cents (€1,866.18) equivalent to eight hundred and one Maltese liri and fifteen cents (Lm801.15) …"

Kopja ta' dan il-kuntratt flimkien ma' pjanta li tindika l-proprjetà bil-kulur aħmar qed jiġu hawn annessi u mmarkati bħala Dok. A u Dok. B rispettivament.

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 17th January, 2025, following a request by National Lottery plc vs Deputy Curators to represent the respondent or her heirs in the records of the schedule of deposit number 97/2025 in the names National Lottery plc vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and redemption of groundrent, number 97/2025 in the names of National Lottery plc vs Deputy Curators to represent Salvina Micallef née Mifsud, wife of Vincenzo Micallef, daughter of the late Valentino Mifsud and Grazia née Fenech or the unknown heirs of the same Salvina Micallef, filed in the First Hall of the Civil Court on the 16th January, 2025, the applicant National Lottery plc (C100229) respectfully submitted:

By means of a contract dated 30th May 2023 in the records of Notary Dr Clyde La Rosa, the applicants bought:

"the divided portion of land in the limits of Żebbuġ, Malta, forming part of the land known as "Ta' Enun", at times also referred to as "Ta Emni", having a superficial area of approximately six thousand five hundered and fifty (6,550) square metres, which is bounded on the north by Mdina Road, also referred to as Notabile Road, on the south by Triq Għarram and on the west by property of Salvatore Abela or his successors in title, including the factory building and other constructions which are presently built on such portion of land, which has a frontage on and is acessible from Mdina Road, Ħaż-Żebbuġ, Malta, as well as from Triq Għarram, Ħaż-Żebbuġ, Malta …

The Property is subject to the annual perpetual and non-revisable ground-rent and subground-rent of one thousand eight hundred and sixty euro and eighteen cents (€1,866.18) equivalent to eight hundred and one Maltese liri and fifteen cents (Lm801.15) …"

A copy of this contract together with a plan indicating the property in red are attached and marked as Doc. A and Doc. B respectively.

Jirriżulta li l-ammont ta' elf tmien mija sitta u sittin ewro u tmintax-il ċenteżmu (€1,866.18) (ekwivalenti għal tmien mija u wieħed lira Maltija (Lm801.15)) jikkonsisti mhux f'ċens wieħed iżda ċens diviżibbli f'numru ta' subċnus u ċens oriġinali kif ġej:

1. Subċens annwali u perpetwu fl-ammont ta' €933.09 dovuti lil Joseph Mifsud bħala suċċessur fit-titolu ta' Joseph Mifsud (iben Vincent Mifsud) u Dorothy Mifsud u dan fir-rigward tan-nofs subċens li ġie kostitwit permezz tal-kuntratt pubbliku datat it-2 ta' April, 1971 fl-atti tan-Nutar Joseph Felix Abela bejn Thomas Fenech u Chevalier Consiglio D'Amato fuq naħa u Malta Radiators Limited fuq in-naħa l-oħra; u

2. Subċens annwali u perpetwu fl-ammont ta' €933.09 dovuti lil Catherine Borg, Maryrose Agius, Sebastian Mifsud, George Mifsud Silvia Cefai, Raymond Mifsud, Michael Mifsud, Sebastian George Mifsud, Catherine Mifsud, Samantha Sammut, David Mifsud, Emanuel Mifsud, Samuel Borg, Joseph Borg, Claire Bugeja, Ron Borg, Maria Rosaris sive Mary Rose Mifsud u dan fir-rigward tan-nofs subċens li ġie kostitwit permezz tal-kuntratt pubbliku datat it-2 ta' April, 1971, fl-atti tan-Nutar Joseph Felix Abela bejn Thomas Fenech u Chevalier Consiglio D'Amato fuq naħa u Malta Radiators Limited fuq in-naħa l-oħra; u

3. Ċens annwali u perpetwu fl-ammont ta' €20.96 dovut lil Salvina Micallef jew l-eredi mhux magħrufa tagħha. Salvina Micallef akkwistat l-art surreferita fis-sena elf disa' mija erba' u ħamsin (1954) permezz ta' att ta' qsim fl-atti tan-Nutar Dott. John Micallef Trigona (kopja tal-istess att annesa ma' dan ir-rikors u mmarkat bħala Dok. C). L-istess Salvina Micallef biegħet din l-art lil Thomas Fenech u Consiglio D'Amato permezz ta' att ta' bejgħ fl-atti tan-Nutar Dott. Joseph Agius datat nhar it-tletin (30) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u sebgħin (1970) (kopja tal-istess att hawn annessa u mmarkata bħala Dok. D). Dan l-att ġie sussegwentement emendat permezz ta' korrezzjoni fl-atti tal-istess Nutar Dott. Joseph Agius, datat l-ewwel (1) ta' April tas-sena elf disa' mija u sebgħin (1970) fejn l-art kienet qed tinbiegħ suġġetta għal ċens annwu u perpetwu ta' disa' liri Maltin (Lm9) ekwivalenti għal għoxrin ewro u sitta u disgħin ċenteżmu (€20.96) (kopja ta' dan l-att annessa ma' dan ir-rikors u mmarkata bħala Dok. E);

Permezz ta' din iċ-ċedola ta' depożitu l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mill-fakultà mogħtija lilhom fl-artikolu 1501 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u jifdi ċ-ċens fl-ammont ta' €20.96 li huwa dovut lil Salvina Micallef. Madankollu s-soċjetà esponenti m'għandhomx kuntatt ma' Salvina Micallef, u mhumiex mgħarrfa dwar jekk l-intimata għadhiex ħajja u/jew jekk din l-istess intimata għandhiex eredi. Iċ-ċens fuq din il-porzjon ta' art għandu jiġi mifdi billi s-somma dovuta taċ-ċens tiġi kapitalizzata bir-rata ta' ħamsa

It results that the amount of one thousand eight hundred sixty-six euro and eighteen cents (€1,866.18) (equivalent to eight hundred and one Maltese Liri (Lm801.15)) consists not of one ground rent but of a divisible ground rent in a number of sub-ground rents and original ground rent as follows:

1. Annual and perpetual sub-groundrent in the amount of €933.09 due to Joseph Mifsud as successor in title of Joseph Mifsud (son of Vincent Mifsud) and Dorothy Mifsud and this as regards one half of the sub-groundrent which was constituted by means of a public deed dated 2nd April, 1971 in the records of Notary Joseph Felix Abela between Thomas Fenech and Chevalier Consiglio D' Amato on the one hand and Malta Radiators Limited on the other hand; and

2. Annual and perpetual sub-groundrent in the amount of €933.09 due to Catherine Borg, Maryrose Agius, Sebastian Mifsud, George Mifsud Silvia Cefai, Raymond Mifsud, Michael Mifsud, Sebastian George Mifsud, Catherine Mifsud, Samantha Sammut, David Mifsud, Emanuel Mifsud, Samuel Borg, Joseph Borg, Claire Bugeja, Ron Borg, Maria Rosaris sive Mary Rose Mifsud and this as regards the half sub-groundrent which was constituted by means of a public deed dated 2nd April, 1971, in the records of Notary Joseph Felix Abela between Thomas Fenech and Chevalier Consiglio D' Amato on the one hand and Malta radiators Limited on the other; and

1. Annual and perpetual groundrent in the amount of €20.96 due to Salvina Micallef or her unknown heirs. Salvina Micallef acquired the land above mentioned in the year one thousand nine hundred fifty-four (1954) by means of a deed of partition in the records of Notary Dr John Micallef Trigona (copy of the same deed annexed to this application and marked as Doc. C). The same Salvina Micallef sold this land to Thomas Fenech and Consiglio D' Amato by means of a deed of sale in the records of Notary Dr Joseph Agius dated thirtieth (30) of March of the year one thousand nine hundred and seventy (1970) (copy of the same deed hereby attached and marked as Doc. D). This deed was subsequently amended by means of a correction in the records of Notary Dr Joseph Agius, dated 1st April of the year one thousand nine hundred and seventy (1970) where the land was being sold subject to the annual and perpetual groundrent of nine Maltese liri (Lm9) equivalent to twenty euro and ninety six cents (€20.96). application and marked as Doc. E);

By means of this schedule of deposit the applicants wish to avail themselves of the option given to them in Article 1501 of Cap. 16 of the Laws of Malta and redeem the groundrent in the amount of €20.96 which is due to Salvina Micallef. However, the applicant company have no contact with Salvina Micallef, and is not informed whether the respondent is still alive and/or whether this same respondent has any heirs. The groundrent on this portion of land is to be redeemed by capitalising the sum due of the groundrent at

fil-mija. B'hekk l-ammont ta' €20.96 dovuti bħala ċens lil Salvina Micallef, kapitalizzati bir-rata ta' ħamsa fil-mija jammonta għal total ta' erba' mija dsatax-il ewro u għoxrin ċenteżmu (€419.20).

Addizjonalment, l-esponenti, sabiex jeżimu ruħhom minn kull responsabbiltà u in linea mal-preskrizzjoni imposta permezz tal-artikolu 2156(a) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta jixtiequ jiddepożitaw is-somma ta' mija u erba' ewro u tmenin ċenteżmu (€104.80) pagabbli lil Salvina Micallef jew lill-eredi tagħha rappreżentatni ċ-ċens annwu u perpetwu fuq imsemmi għall-aħħar ħames snin;

Għaldaqstant, l-esponenti qegħdin umilment jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha jgħaddu sabiex jiddepożitaw is-somma ta' ħames mija erbgħa u għoxrin ewro (€524), liema somma tirrappreżenta l-arretrati taċ-ċens tal-aħħar ħames snin u kif ukoll fidi ta' dan iċ-ċens annwu u perpetwu u dan sabiex din is-somma tiġi żbankata mill-intimata wara d-debitu rċevuta skont il-liġi.

Notifika: Direttur tar-Reġistru Pubbliku

Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħzel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Toni Abela, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 17 ta' Jannar, 2025

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 21 ta' Frar, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Registratur, Qrati u Tribunali.

the rate of five per cent. Thus, the amount of €20.96 due as groundrent to Salvina Micallef, capitalised at the rate of five per cent amounts to a total of four hundred nineteen euro and twenty cents (€419.20).

In addition, the applicants, in order to exempt themselves from any responsibility and in accordance with the prescriptive period imposed by Article 2156 (a) of Cap. 16 of the Laws of Malta wish to deposit the sum of one hundred and four euro and eighty cents (€104.80) payable to Salvina Micallef or her heirs representing the annual and perpetual groundrent above mentioned for the last five years;

Thus, the applicant is humbly calling upon this Honourable Court and under its authority is depositing the sum of five hundred twenty four euro (€524), which sum represents the arrears of ground rent of the last five years as well as redemption of this annual and perpetual groundrent and this so that this sum be withdrawn by the respondent after the due receipt is given according to law.

Notification: Director Public Registry

Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Toni Abela, LLD, Doctor of Laws.

Today 17th January, 2025

Registry of the Superior Courts, today 21st February, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

494

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Banns for Curators

Republic of Malta

Lill-Marixxal tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti, fid-19 ta' Novembru, 2024, fuq talba ta' Anthony Fenech ġie ordnat sabiex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jidhru għall-eredi ġjaċenti ta' Maria Viola (passaport Malti bin-numru 831317) u Christina Mifsud (KI 261184M) fil-vesti ta' eredi universali ta' Francesco Fenech, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 380/2023FDP u tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 599/2023GG, fl-ismijiet Anthony Fenech vs Emanuele Laferla et noe u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat numru 380/2023FDP u tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 599/2023GG , ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' April, 2023, fl-ismijiet Anthony Fenech (KI 470546M) fil-vesti tiegħu ta' legatarju tad-defunt Francesco Fenech (KI 580739M) vs Emanuel Laferla bħala mandatarju speċjali għan-nom u inrappreżentanza tal-assenti Michael Angelo Fenech (passaport Malti bin-numru 1333106), kuraturi deputati għal Maria Viola (passaport Malti bin-numru 831317), Josephine Bennet (passaport Malti bin-numru 0910117) fil-vesti tagħhom ta' legatarji tad-defunt Francesco Fenech (KI 580739M), u skont digriet tal-10 ta' Mejju, 2023, Nazzareno Galea inħatar kuratur deputat sabiex jidher għall-assenti Therese Fenech magħrufa wkoll bħala Therese Fenech Wood (passaport Malti bin-numru 0910099) fil-vesti tagħha ta' legatarja tad-defunt Francesco Fenech (KI 580739M) u kuraturi deputati għal Christine Mifsud (KI 261184M) fil-vesti ta' eredi universali ta' Francesco Fenech, fejn ir-rikorrenti Anthony Fenech (KI 470546M) talab lil din l-Onorabbli Qorti:

Illi l-esponenti għandu interess li jħares il-jeddijiet tiegħu;

Illi l-esponenti sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu jixtieq iżomm l-intimati milli jbigħu, ineħħu, jittrasferixxu jew jiddisponu inter vivos sew b'titolu oneruż jew gratwitu xi proprjetà u b'mod partikolari, proprjetà derivanti mill-wirt tal-ġenituri tal-kontendenti Fenech kif aħjar spjegat fit-testment tad-defunt Francesco Fenech in atti tan-Nutar Anne Marie Tonna data 7 ta' Marzu, 2013, u kif ukoll proprjetà derivanti mill-wirt taz-ziju tal-kontendenti Fenech, Carmelo Fenech li tinsab elenkata fil-Mandat ta' Inibizzjoni fuq imsemmi u fir-Rikors Ġuramentat preżentat kontestwalment.

Għalhekk id-drittijiet tar-rikorrenti sejrin jiġu serjament u severament preġudikati kemm-il darba l-inibizzjoni ma tintlaqax. Għaldaqstant, u kif ukoll għar-raġunijiet illi sejjer jispjega r-rikorrenti waqt is-smigħ ta' dan l-istess mandat, jeżistu l-elementi meħtieġa mil-liġi biex din it-talba tintlaqa'.

To the Marshall of the Court.

By means of a decree given by this Court, on the19th November, 2024, following a request of Anthony Fenech it was ordered that deputy curators be chosen to represent the unknown heirs of Maria Viola (Maltese passport number 831317) and Christina Mifsud (ID 261184M) as universal heirs of Francesco Fenech, in the records of the Sworn Application number 380/2023FDP and Warrant of Prohibitory Injunction Number 599/2023GG, in the names Anthony Fenech vs Emanuele Laferla et noe and in the other relative and subsequent acts.

By means of a Sworn Application number 380/2023FDP and Warrant of Prohibitory Injunction number 599/2023GG, filed in the Civil Court First Hall on the 4th April, 2023, in the names Anthony Fenech (ID 470546M) in his capacity as legatee of the late Francesco Fenech (ID 580739M) vs Emanuel Laferla as special mandatory for and on behalf of the absentee Michael Angelo Fenech (Maltese passport number 1333106), deputy curators to represent Maria Viola (Maltese passport number 831317), Josephine Bennet (Malee passport number 0910117) in their capacities as legatees of the late Francesco Fenech (ID 580739M), and in terms of decreee of the 10th May, 2023, Nazzareno Galea was nominated deputy curator for the absentee Therese Fenech known also as Therese Fenech Wood (Maltese passport number 0910099) in her capacity as legatee of the late Francesco Fenech (ID 580739M) and deputy curators to represent Christine Mifsud (ID 261184M) in her capacity as universal heir of Francesco Fenech, the applicant Anthony Fenech (ID 470546M) requested this Honourable Court to:

That the applicant has an interest to safeguard his rights;

That the applicant in order to safeguard his rights wishes to restrain the respondents from selling, alienating, transferring or disposing inter vivos both by onerous or gratuitous title any property and in particular, property deriving from the inheritance of the parents of the parties Fenech as better explained in the will of the deceased Francesco Fenech in the records of Notary Anne Marie Tonna dated 7th March, 2013, and also property deriving from the inheritance of the uncle of the parties Fenech, Carmelo Fenech which is listed in the Warrant of Prohibitory Injunction above mentioned and in the Sworn application filed concurrently.

The rights of the applicant will be seriously and severely prejudiced if the request for the issuance of this injunction is not upheld. Thus, and also for the reasons that the applicant shall explain during the hearing of this same warrant, there exist the elements required by law so that this demand be upheld.

Ir-rikorrenti umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talba proviżorjament ai terminit al-artikolu 875(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqastant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex iżommhom milli jkomplu jagħmlu l-ħwejjeġ hawn fuq imsemmija.

Mandat ta' Inibizzjoni

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

Billi ġie preżentat ir-rikors ta' hawn fuq u jirrikorru l-elementi meħtieġa skont il-liġi għal ordni infraskritta,

U wara li tagħmel dan jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-mandat inti għandek minnufih tgħarraf lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri, hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Giovanni M. Grixti, LLD, Duttur tal-Liġi.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ppreżentat illum 4 ta' April, 2023

Rat l-Artikoli 873 u 875 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta,

Tilqa' t-talba proviżorjament għall-ħruġ tal-Mandat mitlub,

Tappunta r-rikors għas-smigħ għal nhar l-Ġimgħa, 14 ta' April, 2023, f'12.00 p.m, li jinsab differit għall-5 ta' Marzu, 2025, fl-10.30 a.m.

Tordna n-notifika tar-rikors u ta' dan id-digriet lill-intimati, bil-fakultà li jippreżentaw risposta fi żmien għaxart ijiem min-notifika jew sal-ħin tas-smigħ, skont liema tiġi l-ewwel, bil-visto jew notifika elettronika lill-avukati tas-soċjetà rikorrenti.

Illum 4 ta' April, 2023

Rikorrenti: Anthony Fenech, 4, Sqaq is-Sajjieda, Ix-Xgħajra

Notifika: Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan

The applicant humbly prays that this Honourable Court provisionally upholds the demand in terms of Article 875 (2) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

Thus, the applicant humbly prays that this Honourable Court orders the issuing of a warrant of prohibitory injunction in order to restrain them from continuing to do the actions above mentioned.

Warrant of Prohibitory Injunction

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

Whereas the above warrant was presented and there recurr the elements required by law for the under mentioned order,

And after doing this or if you encounter any difficulty in the execution of this warrant you are to inform this Court forthwith

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Giovanni M. Grixti, LLD, Doctor of Laws.

In the First Hall of the Civil Court

The Court,

Having seen the application filed today 4th April, 2023

Having seen Articles 873 and 875 of Cap. 12 of the Laws of Malta,

Provisionally upholds the request for the termination of the warrant requested,

Appoints the application for hearing on Friday 14th April, 2023, at a 12.00 p.m, which is postponed for hearing to the 5th March, 2025, at 10.30 a.m.

Orders the notification of the application and this decree to the respondents, with the option to file a reply within ten days from the notification or till the time of hearing, whichever happens first, by visto or electronic notification to the lawyers of the applicant company.

Today 4th April, 2023

Applicant: Anthony Fenech, 4, Sqaq is-Sajjieda, Xgħajra

Respondent: Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon

lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri, hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Francesco Depasquale, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 19 ta' Novembru, 2024

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 21 ta' Frar, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Francesco Depasquale, LLD, Doctor of Laws.

Today 19th November, 2024

Registry of the Superior Courts, today 21st February, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

495

Permezz ta' digriet mogħti fit-12 ta' Frar, 2025, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-atti tal-Kontromandat fl-ismijiet Orange Management Services Ltd vs MB Construction Ltd et, kontromandat numru 883/2024, ordnat s-segwenti pubblikazzjoni biex sservi ta' notifika fil-konfront ta' Orange Management Services Ltd a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' Kontromandat numru 2247/2024 ippreżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-11 ta' Novembru, 2024, wara l-Mandat ta' Sekwestru numru 2132/2024 fl-ismijiet Orange Management Servies Ltd vs MB Construction Ltd (C81475), Mario Briffa (KI 167573M) u Brenda Briffa (KI 372794M) maħruġ fit-28 ta' Ottubru, 2024, ir-rikorrenti MB Constructrion Ltd et talbu bil-qima:

Illi din l-Onorabbli Qorti tordna l-ħruġ tal-opportun kontromandat għar-raġuni infraskritta.

Raġuni: Stante illi l-ammont pretiż fil-mandat odjern kif ukoll l-ammont tal-ispejjeż tal-istess mandat ġew depożitati permezz ta' ċedola kontestwali ma' dan il-kontromandat u jibqa' biss fis-seħħ f'idejn ir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali.

Kontromandat

Repubblika ta' Malta

Mandat tal-Qorti

By means of a decree of the 12th February, 2025, of the Courts of Magistrates (Malta), in the records of the Counter-Warrant in the names Orange Management Services Ltd vs MB Construction Ltd et Counter-Warrant Number 2247/2024 the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Orange Management Services Ltd in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a Counter Warrant Number 2247/2024 filed in the Courts of Magistrates (Malta) on the 11th November, 2024, following the Garnishee Order number 2132/2024 in the names Orange Management Services Ltd vs MB Construction Ltd (C81475) , Mario Briffa (ID 167573M) and Brenda Briffa (ID 372794M) issued on the 28th October, 2024, the applicant Orange Management Services Ltd respectfully asked:

That this Honourable Court orders the issue of the opportune Counter-Warrant for the under mentioned reason.

Reason: Since the amount claimed in the present warrant as well as the amount of the costs of the same warrant were deposited by means of a schedule of deposit filed together with this counter warrant and remains only in force in the hands of the Registrar of the Civil Courts and Tribunals.

Counter Warrant

Republic of Malta

Court Warrant

Lill-Marixxall tal-Qorti

Billi wara l-esekuzzjoni tal-mandat li għalih jirreferi r-rikors ta' hawn fuq hemm raġunijiet skont il-liġi għala l-istess mandat m'għandux jibqa' jseħħ.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Fl-atti tal-kontromandat numru 2247/2024

Il-Qorti,

Rat ir-rikors datat 11 ta' Novembru, 2024

Tordna notifika lill-kontroparti bi żmien ġimgħa għar-risposta.

Illum 13 ta' Novembru, 2024

Notifika: Orange Management Services Limited, Pearl Jam, Triq ir-Rummien, Il-Baħrija, Ir-Rabat, Malta

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 21 ta' Frar, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

To the Court Marshall

Whereas following the execution of the warrant to which the above application refers there are sufficient reasons according to law why this said warrant is not to remain in force.

In the Magistrates Court (Malta)

In the records of the Counter-Warrant Number 2247/2024

The Court,

Having seen the application dated 11th November, 2024

Orders the service to the counterparty who has one week within which to reply.

Today 13th November, 2024

Notification: Orange Management Services Limited, Pearl Jam, Triq ir-Rummien, Baħrija, Rabat, Malta

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today the 21st February, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

496

Permezz ta' digriet mogħti fil-31 ta' Ottubru, 2024, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) fil-konfront ta' MB Construction Limited, Mario Briffa u Brenda Briffa.

Permezz ta' rikors fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 231/2024VGA pprezentat fl-24 ta' Ottubru, 2024, fl-ismijiet Orange Management Services Limited (C84525) vs MB Construction Limitd (C81475), Mario Briffa (KI 167573M) u Brenda Briffa (KI 372794M) fejn Alex Polidano inrappreżentanza ta' Orange Management Services Limited (C84525) espona bir-rispett u bil-ġurament tiegħu kkonferma sabiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-konvenuti huma debitriċi tas-soċjetà esponenti fl-ammont ta' €10,978.85 rappreżentanti l-prezz ta' sub-contracting ta' impjegati ai fini ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni, steel fixing, shutterers u servizzi anċillari;

2. Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-esponenti l-ammont ta' €10,978.85 rapprezentanti l-prezz għal sub-contracting ta' impjegati ai fini ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni, steel fixing, shutteres u servizzi anċillari.

By means of a decree of the 31st October, 2024, the Court of Magistrates (Malta) ordered the publication of the following extract for the purpose of effecting service on MB Construction Limited, Mario Briffa and Brenda Briffa in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the records of the Sworn Application number 231/2024VGA filed on the 24th October, 2024, in the names Orange Management Services Limited (C84525) vs MB Construction Limitd (C81475), Mario Briffa (ID 167573M) and Brenda Briffa (ID 372794M) whereby Alex Polidano for and on behalf of Orange Management Services Limited (C84525) confirmed on oath and requested this Honourable Court to:

1. Declare that the defendants are debtors of the applicant company in the amount of €10,978.85 representing the price of sub-contracting of employees for the purpose of construction works, steel fixing, shutterers and ancillary services;

2. Condemn the defendants to pay the applicants the amount of €10,978.85 representing the price for sub-contracting of employees for the purpose of construction works, steel fixing, shutteres and ancillary services.

Bl-ispejjeż

Rikorrenti: Orange Management Services Limited (C84525), Pearl Jam, Triq ir-Rummien, Il-Baħrija, Ir-Rabat RBT 6061, Malta

Notifika: MB Construction Limited (C81475), Mario Briffa u Brenda Briffa ta' Villa Trinita, Triq Bengħajsa, Birżebbuġa

Il-kawża (Avviż numru 231/2024VGA) tinsab differita għall-10 ta' Marzu, 2025, fid-9.40 a.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 21 ta' Frar, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

With costs

Applicant: Orange Management Services Limited (C84525), Pearl Jam, Triq ir-Rummien, Baħrija, Rabat RBT 6061, Malta

Notification: MB Construction Limited (C81475), Mario Briffa and Brenda Briffa ta' Villa Trinita, Triq Bengħajsa, Birżebbuġa

The case (Application number 231/2024VGA) is postponed for hearing for the 10th March, 2025, at 9.40 a.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 21st February, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

497

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti , fit-28 ta' Jannar, 2025, fuq talba ta' Maria Dolores sive Doris Bonavia et ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Rose Camenzuli, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 41/2025AD, fl-ismijiet Maria Dolores sive Doris Bonavia et vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors, ippreżentat, fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Maria Dolores sive Doris Bonavia (KI 426550M); Rita Portelli (KI 148648M); Isabella Attard Cassar (KI 0179472M) f'isem u inrappreżentanza ta' Salvina Cassar (KI 36343M); Victoria Farrugia (KI 853746M); Patrick Genovese (KI 375870M) u Kenneth Zammit (KI 391676M) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Rose Camenzuli, ippreżentat fis-17 ta' Jannar, 2025, ir-rikorrenti Maria Dolores sive Doris Bonavia (KI 426550M) et talbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tawtorizza lir-rikorrenti li jipproċedu bil-bejgħ tal-fond ossija razzett li jġib in-numri 6 ġja 4 u 5 fi Sqaq Ta' Lusif numru 6, Triq id-Daħla ta' San Tumas, Triq ir-Ramla, Iż-Żejtun, flimkien mal-għalqa li tmiss mal-istess fond, bl-arja libera u bis-sottoswol liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha, skont it-termini pattwiti fil-konvenju datat 18 ta' Novembru, 2024, jew altrnattivament tistabbilixxi hi l-kundizzjonijiet tal-bejgħ;

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court, on the 28th January, 2025, following a request of Maria Dolores sive Doris Bonavia et it was ordered that deputy curators be chosen to represent the absentee Rose Camenzuli, in the records of the Application 41/2025AD, in the names Maria Dolores sive Doris Bonavia et vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of an Application, filed in the First Hall Civil Court, in the names Maria Dolores sive Doris Bonavia (ID 426550M); Rita Portelli (ID 148648M); Isabella Attard Cassar (ID 0179472M) for and on behalf of Salvina Cassar (ID 36343M); Victoria Farrugia (ID 853746M); Patrick Genovese (ID 375870M) and Kenneth Zammit (ID 391676M) vs Deputy Curators to represent the absentee Rose Camenzuli, on the 17th January, 2025, the applicants Maria Dolores sive Doris Bonavia (ID 426550M) et requested with respect this Honourable Court to:

1. Authorise the applicants to proceed with the sale of the premises or rather farmhouse bearing numbers 6 gia 4 and 5 in Alley Ta' Lusif number 6, Triq id-Daħla ta' San Tumas, Triq ir-Ramla, Żejtun, together with the field adjacent to the same premises, with free airspace and free and unencumbered subsoil, with all its rights and appurtenances, according to the terms agreed in the promise of sale agreement dated 18th November, 2024, or otherwise establish the conditions of sale;

2. Tawtorizza li jsiru kwalsijasi att pubbliċi u/jew dikjarazzjonijiet u/jew atti aċċessorji għall-att finali ta' bejgħ u trasferiment, li jistgħu jkunu neċessarji sabiex ikun jista' jigi ppubblikat u insinwat l-att finali ta' bejgħ u trasferiment;

3. Tiffissa jum, ħin u lok fejn għandu jsir it-trasferiment tal-immobbli ai termini tal-konvenju jew alternattivament skont il-kundizzjonijiet imposti minn din l-Onorabbli Qorti u jekk neċessarju kwalsijasi att pubbliċi oħra u/jew dikjarazzjonjiet u/jew atti aċċessorji għall-att finali ta' bejgħ u trasferiment, li jistgħu jkun neċessarji sabiex ikun jista' jiġi pubblikat u insinwat l-att finali ta' bejgħ u trasferiment;

4. Tinnomina lin-Nutar Dott. Dorian Sciberras, jew kwalsijasi Nutar Pubbliku ieħor sabiex jippubblika l-att pubbliku relattiv u kwalsiasi atti pubbliċi oħra u/jew dikjarazzjonijiet u/jew atti aċċessorji għall-att finali ta' bejgħ u trasferiment li jistgħu jkunu neċessarji sabiex ikun jista' jiġi pubblikat u insinwat l-att finali ta' bejgħ u trasferiment; u

5. Tinnomina lill-istess kuraturi deputati maħtura f'din il-kawża jew kwalsijasi kuraturi oħra anke minn fost il-komprorpejtarji nfushom, sabiex jirrappreżentaw lil min mill-komproprjetarji jonqos milli jidher għall-att finali.

6. Tordna u/jew tawtorizza illi l-ispejjeż ta' din il-kawża u kif ukoll id-drittijiet professjonali (ġudizzjarji) tal-kuraturi deputati u kif ukoll is-sehem relattiv ta' kull taxxa konnessa mal-bejgħ u tad-dritt notarili tal-konvenuti jitnaqqsu mis-sehem dovut lill-istess konvenut mill-prezz tal-bejgħ.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati inġunti għas-subizzjoni.

Esponenti: c/o Rita Portelli, 31, Dar Żerniq, Triq Felice, Ħaż-Żabbar

Notifika: Kuraturi deputati, Il-Qorti

